Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B **REGOLAMENT (UE) 2018/975 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-4 ta' Lulju 2018

li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) Żona tal-Konvenzjoni

(ĠU L 179, 16.7.2018, p. 30)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/838 tad-19 ta' Frar 2025	L 838	1	2.5.2025

▼B

REGOLAMENT (UE) 2018/975 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-4 ta' Lulju 2018

li jistabbilixxi miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll li japplikaw fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) Żona tal-Konvenzjoni

TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi dispożizzjonijiet ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll relatati mas-sajd għal stokkijiet ta' ħut transżonali fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(b) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jittrasbordaw prodotti tas-sajd li ġejjin miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(c) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi malli jitolbu l-aċċess għall-portijiet tal-Unjoni jew li jkunu s-suġġett ta' spezzjoni f'dawn il-portijiet u li jġorru prodotti tas-sajd li ġejjin miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.

Artikolu 3

Ir-rabta ma' atti oħra tal-Unjoni

Ħlief fejn ikun espressament previst mod ieħor f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament japplika mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (KE) Nru 1005/2008, (KE) Nru 1224/2009 u (UE) 2017/2403.

Artikolu 4

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "Iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO" tfisser iż-żona ġeografika indikata fl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(2) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment ta' kull daqs użat jew maħsub għall-użu għall-finijiet ta' sfruttament kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd, inklużi vapuri ta' sostenn, bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, bastimenti involuti fit-trasbord u bastimenti tal-ġarr mgħammrin għat-trasportazzjoni ta' prodotti tas-sajd, ħlief għal bastimenti tal-kontejners;

▼B

(3) “bastiment tas-sajd tal-Unjoni” tfisser bastiment li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fl-Unjoni;

(4) “riżorsi tas-sajd tal-SPRFMO” tfisser ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar kollha fi ħdan iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO ħlief:

(a) l-ispeċijiet sedentarji sakemm dawn ikunu soġġetti għall-ġurisdizzjoni nazzjonali tal-Istati kostali skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 77 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar tal-10 ta' Diċembru 1982 (“UNCLOS”);

(b) l-ispeċijiet migratorji ħafna elenkati fl-Anness I għall-UNCLOS;

(c) l-ispeċijiet anadromi u katadromi;

(d) il-mammiferi tal-baħar, ir-rettili tal-baħar u t-tajr tal-baħar;

(5) “prodotti tas-sajd tal-SPRFMO” tfisser l-organiżmi akkwatiċi, jew prodotti derivati minnhom, li jirriżultaw minn kwalunkwe attività tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(6) “attività tas-sajd” tfisser it-tiftix għall-ħut, l-isparar, l-issettjar, l-irmonk, l-irfigħ tal-irkaptu tas-sajd, it-teħid tal-qabdiet abbord, it-trasbord, iż-żamma abbord, l-ipproċessar abbord, it-trasferiment u l-ħatt l-art ta' ħut u ta' prodotti tas-sajd;

(7) “sajd tal-qiegħ” tfisser is-sajd minn kwalunkwe bastiment tas-sajd bl-użu ta' kwalunkwe rkaptu li aktarx jiġi f'kuntatt ma' qiegħ il-baħar jew ma' organiżmi tal-qiegħ matul il-kors normali tal-operazzjonijiet;

(8) “impronta tas-sajd tal-qiegħ” tfisser il-medda ta' spazju tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2002 u l-31 ta' Diċembru 2006;

(9) “Sajd IUU” tfisser kwalunkwe attività ta' sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat kif iddefinit fil-punti 1 sa 4 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(10) “abbozz tal-lista tal-bastimenti IUU tal-SPRFMO” tfisser il-lista inizjali tal-bastimenti tas-sajd preżunti li wettqu sajd IUU, kif abbozzata mis-Segretarjat tal-SPRFMO u ppreżentata lill-Kumitat għall-Konformità u l-Affarijiet Tekniċi tal-SPRFMO għall-kunsiderazzjoni;

(11) “żona ta' sajd esploratorju” tfisser żona tas-sajd li ma ġietx soġġetta għas-sajd jew li ma ġietx soġġetta għas-sajd b'tip ta' rkaptu jew teknika partikolari fl-10 snin preċedenti;

▼B

(12) “għeżul tat-tisqif pelaġiċi fuq skala kbira” tfisser għeżul jew xbieki oħra, jew taħlita ta' xbieki, li jkun fihom tul ta' aktar minn 2,5 kilometri u li jimxu mal-kurrent fil-wiċċ jew ġol-ilma, bl-iskop li l-ħut jitgħaqqad, jinqabad jew jitħabbel fihom.

(13) “għeżul tal-baħar fond” bħal pereżempju parit, xbieki kalati, xbieki ankrati u xbieki mgħerrqa, tfisser serje ta' ħitan ta' xbieki singoli, doppji jew trippli, miżmuma b'mod vertikali, fil-qiegħ jew qrib il-qiegħ, li fihom il-ħut jinqabad mill-garġi, jitħabbel jew jitgħaqqad. L-għeżul tal-baħar fond jikkonsistu f'xibka singola, jew, anqas komunement, doppja jew trippla imqiegħda flimkien fuq l-istess ħbula strutturali. Diversi tipi ta' xbieki jistgħu jiġu kkombinati f'irkaptu wieħed. Dawk ix-xbieki jistgħu jintużaw jew waħedhom jew inkella, kif inhu aktar komuni, jintuża għadd kbir minnhom imqegħda f'linja (“rimjiet” ta' xbieki). L-irkaptu jista' jiġi kalat, ankrat mal-qiegħ jew imħolli jimxi mal-kurrent, ħieles jew marbut mal-bastiment;

(14) “Parti Mhux Kontraenti li Tikkoopera fl-SPRFMO” (CNCP) tfisser Stat jew entità tas-sajd li mhix parti tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO iżda li qablet li tikkoopera bis-sħiħ fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO;

(15) “rekord tal-bastimenti tal-SPRFMO” tfisser il-lista tal-bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni, kif notifikata mill-Partijiet Kontraenti u s-CNCPs, li hi miżmuma mis-Segretarjat tal-SPRFMO;

(16) “trasbord” tfisser il-ħatt tal-prodotti tas-sajd kollha jew ta' parti minnhom minn fuq bastiment tas-sajd għal fuq bastiment tas-sajd ieħor;

(17) “speċijiet oħra ta' interess” tfisser l-ispeċijiet elenkati fl-Anness XIII;

(18) “ekosistema marina vulnerabbli” (EMV) tfisser kwalunkwe ekosistema marina li l-integrità tagħha (jiġifieri l-istruttura jew il-funzjoni tal-ekosistema) tkun, skont l-aħjar informazzjoni xjentifika disponibbli u skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, mhedda b'impatti negattivi sinifikanti li jirriżultaw mill-kuntatt fiżiku mal-irkapti tal-qiegħ fl-andament normali tal-operazzjonijiet tas-sajd, inklużi l-iskollijiet, l-għoljiet tal-baħar, il-bokok idrotermali, il-qroll tal-ilma kiesaħ jew il-qigħan miksija bl-isponoż tal-ilma kiesaħ.

TITOLU II

MIŻURI TA' ĠESTJONI, TA' KONSERVAZZJONI U TA' KONTROLL LI JIRRIGWARDAW ĊERTI SPEĊIJIET

KAPITOLU I

Sawrell taċ-Ċilì (Trachurus murphyi)

Artikolu 5

L-informazzjoni dwar l-eżawriment tal-kwoti għas-sawrell taċ-Ċilì

L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bid-data tal-għeluq ta' attività tas-sajd għas-sawrell taċ-Ċilì li tkun laħqet il-100 % tal-limitu tal-qbid tagħha. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni minnufih lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

▼B

Artikolu 6

Il-kopertura tal-osservaturi fis-sajd għas-sawrell taċ-Ċilì

L-Istati Membri għandhom jiżguraw minimu ta' kopertura tal-osservaturi xjentifiċi ta' 10 % tal-vjaġġi għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom. Għall-bastimenti tas-sajd li jwettqu mhux aktar minn żewġ vjaġġi fis-sena, il-kopertura tal-osservaturi ta' 10 % għandha tiġi kkalkulata b'referenza għall-ġranet tas-sajd attivi fil-każ tal-bastimenti tat-tkarkir, u b'referenza għas-settijiet fil-każ tal-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża.

Artikolu 7

Ir-rappurtar tad-*data* dwar is-sawrell taċ-Ċilì

1. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, sal-15-il jum ta' kull xahar, dwar il-qabdiet tas-sawrell taċ-Ċilì tax-xahar preċedenti, b'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sal-20 jum ta' kull xahar.

2. Minbarra l-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni d-*data* li ġejja fir-rigward tas-sajd għas-sawrell taċ-Ċilì:

▼M1

(a) sal-15-il jum ta’ kull xahar, il-lista tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom stadu b’mod attiv jew kienu involuti fit-trażbord fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul ix-xahar preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sal-20 jum ta’ kull xahar;

(b) mhux aktar tard minn 45 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, ir-rapport xjentifiku annwali li jkopri s-sena preċedenti, inkluż kemm jista’ jkun data miġbura mill-osservaturi. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.

▼B

Artikolu 8

L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd għas-sawrell

F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, meta jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tas-sawrell taċ-Ċilì disponibbli għalihom, l-Istati Membri għandhom jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika, u għandhom ukoll jagħmlu ħilithom biex iqassmu l-kwoti nazzjonali b'mod ġust bejn id-diversi sezzjonijiet tal-flotta, u biex jipprovdu inċentivi għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jużaw irkaptu tas-sajd selettiv jew li jużaw tekniki tas-sajd b'impatt ambjentali mnaqqas.

▼B

KAPITOLU II

Tajr tal-baħar

Artikolu 9

Il-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tajr tal-baħar għall-bastimenti tas-sajd bil-konz

1. Il-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni li jużaw il-konzijiet għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tajr tal-baħar spjegati f'dan l-Artikolu.

2. Il-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni li jużaw konzijiet demersali għandhom jużaw il-piżijiet mal-lett u l-linji tori (li jnaffru l-għasafar).

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jissettjaw il-konzijiet matul is-sigħat tad-dlam.

4. Il-piżijiet mal-lettijiet għandhom jintramaw b'konformità mal-Anness I.

5. Il-lettijiet bin-naffara tal-għasafar għandhom jintramaw b'konformità mal-Anness II.

6. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jarmu l-ġewwieni waqt il-kalar u l-irfigħ tal-irkaptu. Meta dan ma jkunx fattibbli u meta jkun neċessarju li l-iskart bijoloġiku jintrema minħabba tħassib ta' sikurezza operazzjonali, il-bastimenti għandhom jiġbru l-iskart f'lottijiet għal sagħtejn jew aktar.

Artikolu 10

Il-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tajr tal-baħar għall-bastimenti tat-tkarkir

1. Il-bastimenti tas-sajd kollha tal-Unjoni li jużaw irkaptu tat-tkarkir għandhom ikunu soġġetti għall-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tajr tal-baħar stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jużaw żewġ linji tori matul is-sajd jew, jekk il-prattiki operattivi jfixklu l-użu effettiv ta' linji tori, purtiera li tfixkel lill-għasafar.

3. Il-purtieri li jfixklu lill-għasafar għandhom jintramaw b'konformità mal-Anness III.

4. Meta jkun possibbli, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jiġu pprojbiti milli jarmu l-ġewwieni waqt il-kalar u l-irfigħ tal-irkaptu.

5. Meta jkun possibbli u xieraq, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom jikkonvertu l-ġewwieni f'ħut mitħun u jżommu l-materjal ta' skart kollu, filwaqt li jillimitaw ir-rimi għall-iskart likwidu/ilma tal-fossa. Meta dak ma jkunx possibbli u xieraq, il-bastimenti tas-sajd għandhom jiġbru l-iskart f'lottijiet għal sagħtejn jew aktar.

6. Meta jkun possibbli, ix-xbieki għandhom jitnaddfu wara kull operazzjoni tas-sajd biex jitneħħa l-ħut u l-materjal tal-qiegħ imħabbel fihom, sabiex tiġi skoraġġita l-interazzjoni mat-tjur waqt it-tħejjija tal-irkaptu għall-użu.

7. Il-ħin li matulu x-xibka tinsab fil-wiċċ tal-ilma matul l-irmonk għandu jiġi mminimizzat permezz ta' manutenzjoni xierqa tal-vinċijiet u ta' prattiki tajbin fuq il-gverta.

▼B

Artikolu 11

Ir-rapportar tad-*data* dwar it-tajr tal-baħar

Fir-rapport xjentifiku annwali msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 7(2) l-Istati Membri għandhom jindikaw:

(a) il-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tajr tal-baħar użati minn kull bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom u li jistad fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(b) il-livell tal-kopertura tal-osservaturi ddedikat għar-reġistrazzjoni tal-qabda aċċessorja ta' tajr tal-baħar;

(c) kwalunkwe *data* dwar l-interazzjoni tat-tajr tal-baħar osservata.

TITOLU III

MIŻURI TA' ĠESTJONI, TA' KONSERVAZZJONI U TA' KONTROLL LI JIRRIGWARDAW ĊERTI METODI TAS-SAJD

KAPITOLU I

Sajd tal-qiegħ

Artikolu 12

L-awtorizzazzjoni tas-sajd tal-qiegħ

1. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jieħdu sehem f'sajd tal-qiegħ mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-SPRFMO.

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom għandhom l-intenzjoni li jeżerċitaw attivitajiet tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, għandhom iressqu talba għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 45 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO fejn juru x-xewqa li tiġi kkunsidrata t-talba tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din it-talba lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard minn 30 jum qabel il-Laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO. It-talba għandha tinkludi:

(a) l-impronta tas-sajd tal-qiegħ, ibbażata fuq ir-rekord tal-qabdiet jew l-isforz tas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2002 u l-31 ta' Diċembru 2006 stabbilit mill-Istat Membru kkonċernat;

(b) il-livell annwali medju tal-qabdiet matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2002 u l-31 ta' Diċembru 2006;

(c) valutazzjoni tal-impatt tas-sajd tal-qiegħ;

(d) evalwazzjoni ta' jekk l-attivitajiet proposti jippromwovux il-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet fil-mira u tal-ispeċijiet mhux fil-mira li jinqabdu bħala qabda aċċessorja, u wkoll jekk jipproteġux l-ekosistemi marini li fihom jokkorru dawn ir-riżorsi, inkluża l-prevenzjoni tal-impatti negattivi sinifikanti fuq l-EMVs.

▼B

3. Il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fil-punt (c) ta' paragrafu 2 għandha titwettaq b'konformità mal-Linji Gwida Internazzjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fil-Baħar Fond fl-Ibħra Miftuħa tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura, ippubblikat fl-2009, ("Linji Gwida għas-Sajd fil-Baħar Fond tal-FAO") u għandha tqis l-Istandard tal-Valutazzjoni tal-Impatt tas-Sajd tal-Qiegħ tal-SPRFMO u ż-żoni fejn l-EMVs huma magħrufa li jokkorru jew aktarx li jokkorru.

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru rilevanti bid-deċiżjoni tal-SPRFMO fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO li tkun twettqet il-valutazzjoni tal-impatt għal dak l-iskop, inklużi kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha u kwalunkwe miżura rilevanti biex jiġu evitati l-impatti negattivi sinifikanti fuq l-EMVs.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija fil-punt (c) ta' paragrafu 2 jiġu aġġornati meta jkun seħħ tibdil sostanzjali fis-sajd li aktarx ikollu impatt fuq l-EMVs, u għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni lill-Kummissjoni malli ssir disponibbli. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Artikolu 13

Is-sajd tal-qiegħ barra mill-impronta tas-sajd tal-qiegħ jew li jaqbeż il-livelli tal-qabdiet tal-perjodu ta' referenza

1. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jieħdu sehem f'sajd tal-qiegħ barra mill-impronta tas-sajd tal-qiegħ jew li jaqbeż il-livelli tal-qabdiet tal-perjodu ta' referenza, mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-SPRFMO.

2. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom għandhom l-intenzjoni li jistadu 'l barra mill-impronta tas-sajd tal-qiegħ jew li għandhom l-intenzjoni li jaqbżu l-livell annwali medju tal-qabdiet imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 12(2) għandhom iressqu talba għall-awtorizzazzjoni lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 80 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO li fiha jixtiequ li tiġi kkunsidrata t-talba tagħhom. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi t-talba lis-Segretarjat tal-SPRFMO sa mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-Laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO. It-talba għandha tinkludi:

(a) valutazzjoni tal-impatt tas-sajd tal-qiegħ;

(b) evalwazzjoni ta' jekk l-attivitajiet proposti jippromwovux il-ġestjoni sostenibbli tal-ispeċijiet fil-mira u tal-ispeċijiet mhux fil-mira li jinqabdu bħala qabda aċċessorja, u wkoll jekk jipproteġux l-ekosistemi marini li fihom jinsabu dawn ir-riżorsi, inkluża l-prevenzjoni tal-impatti negattivi sinifikanti fuq l-EMVs.

3. Il-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fil-punt (a) ta' paragrafu 2 għandha titwettaq b'konformità mal-Linji Gwida għas-Sajd fil-Baħar Fond tal-FAO u għandha tqis l-Istandard tal-Valutazzjoni tal-Impatt tas-Sajd tal-Qiegħ tal-SPRFMO u ż-żoni fejn l-EMVs huma magħrufa li jokkorru jew aktarx li jokkorru.

▼B

4. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru rilevanti bid-deċiżjoni tal-SPRFMO fir-rigward tal-awtorizzazzjoni għas-sajd tal-qiegħ fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO li tkun twettqet il-valutazzjoni tal-impatt għal dak l-iskop, inklużi kwalunkwe kundizzjoni marbuta magħha u kwalunkwe miżura rilevanti biex jiġu evitati l-impatti negattivi sinifikanti fuq l-EMVs.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija fil-punt (a) ta' paragrafu 2 jiġu aġġornati meta jkun seħħ tibdil fis-sajd li aktarx ikollu impatt fuq l-EMVs, u jittrażmettu dik l-informazzjoni lill-Kummissjoni malli tkun saret disponibbli. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Artikolu 14

EMVs fis-sajd tal-qiegħ

1. Sakemm il-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO jkun żviluppa parir dwar il-livelli limitu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu livelli limitu għat-tilqigħ mal-EMVs għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, filwaqt li jikkunsidraw il-paragrafu 68 tal-Linji Gwida dwar is-Sajd fil-Baħar Fond tal-FAO.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom iwaqqfu l-attivitajiet ta' sajd tal-qiegħ f'raġġ ta' ħames mili nawtiċi minn kwalunkwe sit taż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO meta t-tilqigħ ikun qabeż il-livelli limitu stabbiliti skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw it-tilqigħ ma' EMVs lill-Kummissjoni abbażi tal-linji gwida mogħtija fl-Anness IV. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mingħajr dewmien.

Artikolu 15

Il-kopertura tal-osservaturi fis-sajd tal-qiegħ

L-Istati Membri għandhom jiżguraw kopertura tal-osservaturi ta' 100 % tal-bastimenti tat-tkarkir li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma involuti fis-sajd tal-qiegħ, u ta' mill-inqas 10 % tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jużaw irkaptu ieħor tas-sajd tal-qiegħ.

Artikolu 16

Ir-rappurtar tad-*data* għas-sajd tal-qiegħ

1. Sal-15-il jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-qabdiet tal-ispeċijiet tas-sajd tal-qiegħ mix-xahar preċedenti, b'konformità mal-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

2. Sal-15-il jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni lista tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li qed jistadu b'mod attiv u tal-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li huma involuti fit-trasbord. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien ħamest ijiem minn meta tirċeviha.

3. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom milli jipparteċipaw f'sajd tal-qiegħ jekk ma tkunx ġiet provduta d-*data* minima meħtieġa tal-identifikazzjoni tal-bastiment tas-sajd stipulata fl-Anness V.

▼B

KAPITOLU II

Żoni ta' sajd esploratorju

Artikolu 17

L-awtorizzazzjoni għal sajd esploratorju

1. L-Istati Membri li għandhom l-intenzjoni li jawtorizzaw bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom biex jistad f'żona tas-sajd esploratorju, għandhom iressqu lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn 80 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO:

(a) rikjesta għall-awtorizzazzjoni li tipprovdi l-informazzjoni li tinsab fl-Anness V;

(b) Pjan Operazzjonali tas-Sajd b'konformità mal-Anness VI, inkluż impenn ta' konformità mal-Pjan ta' Ġbir tad-*Data* tal-SPRFMO imsemmija fl-Artikolu 18(3), (4) u (5).

2. Mhux aktar tard minn 60 jum qabel il-laqgħa tal-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO, il-Kummissjoni għandha tgħaddi r-rikjesta lill-Kummissjoni tal-SPRFMO, u l-Pjan Operazzjonali tas-Sajd lill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat Membru konċernat bid-deċiżjoni tal-SPRFMO rigward l-awtorizzazzjoni biex isir sajd f'żona tas-sajd esploratorju.

Artikolu 18

Is-sajd esploratorju

1. L-Istati Membri ma għandhomx jawtorizzaw lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jistadu f'żona tas-sajd esploratorju mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-SPRFMO.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom li jistad f'żona tas-sajd esploratorju jagħmel dan b'konformità mal-Pjan Operazzjonali tas-Sajd approvat mill-SPRFMO.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* mitluba mill-Pjan ta' Ġbir tad-*Data* tal-SPRFMO tingħata lill-Kummissjoni, li għandha tittrażmetti dik id-*data* lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

4. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati jipparteċipaw f'sajd esploratorju għandhom jiġu pprojbiti milli jkomplu jistadu fiż-żona tas-sajd esploratorju rilevanti sakemm id-*data* speċifikata fil-Pjan ta' Ġbir tad-*Data* tal-SPRFMO ma tkunx ġiet ippreżentata lis-Segretarjat tal-SPRFMO għall-iktar staġun reċenti li fih ikun sar is-sajd u sakemm il-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO ma jkunx ingħata l-opportunità li jirrevedi dik id-*data*.

5. L-Istati Membri li l-bastimenti tas-sajd tagħhom jipparteċipaw f'sajd esploratorju għandhom jiżguraw li kull bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tagħhom ikollu osservatur indipendenti wieħed jew aktar skont il-ħtieġa biex tinġabar id-*data* skont il-Pjan ta' Ġbir tad-*Data* tal-SPRFMO.

▼B

Artikolu 19

Is-sostituzzjoni tal-bastimenti tas-sajd fis-sajd esploratorju

1. Minkejja l-Artikoli 17 u 18, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw is-sajd f'żona tas-sajd esploratorju minn bastiment li jtajjar il-bandiera tagħhom li mhuwiex identifikat fil-Pjan Operazzjonali tas-Sajd jekk bastiment tas-sajd tal-Unjoni identifikat fil-Pjan Operazzjonali tas-Sajd ma jkunx jista' jistad minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew ta' forza maġġuri. F'tali ċirkostanzi, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni mingħajr dewmien u jipprovdi:

(a) id-dettalji sħaħ tal-bastiment maħsub għas-sostituzzjoni;

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet għas-sostituzzjoni u kwalunkwe prova ta' appoġġ rilevanti;

(c) l-ispeċifikazzjonijiet u deskrizzjoni sħiħa tat-tipi ta' rkaptu tas-sajd li se jintużaw mill-bastiment ta' sostituzzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mingħajr dewmien.

KAPITOLU III

L-għeżul tat-tisqif pelaġiċi fuq skala kbira, l-għeżul tal-baħar fond u għeżul oħra

Artikolu 20

L-għeżul tat-tisqif pelaġiċi fuq skala kbira u l-għeżul tal-baħar fond

L-użu tal-għeżul tat-tisqif pelaġiċi fuq skala kbira u tal-għeżul kollha tal-baħar fond huwa pprojbit fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO kollha kemm hi.

Artikolu 21

L-għeżul

L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jkollhom l-intenzjoni li jittranżitaw iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO bl-għeżul abbord għandhom:

(a) javżaw lis-Segretarjat mill-inqas 36 siegħa bil-quddiem qabel ma l-bastiment jidħol fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, u għandhom jinkludu d-dati tad-dħul u tal-ħruġ mistennija u t-tul tal-għażel miżmum abbord;

(b) jiżguraw li l-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom iħaddmu sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti (VMS) li tirrapporta darba kull sagħtejn meta l-bastiment ikun fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(c) iressqu r-rapporti tal-pożizzjoni VMS lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 30 jum minn meta l-bastiment ikun ħareġ miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO; u

(d) jekk xi għeżul aċċidentalment jintilfu jew ikunu waqgħu fil-baħar mill-bastiment, jirrapportaw id-data, il-ħin, il-pożizzjoni u t-tul (f'metri) tal-għeżul mitlufa lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ fi żmien 48 siegħa minn meta l-irkaptu jkun intilef jew waqa' l-baħar.

▼B

TITOLU IV

MIŻURI TA' KONTROLL KOMUNI

KAPITOLU I

Awtorizzazzjonijiet

Artikolu 22

Ir-Reġistru tal-bastimenti tal-SPRFMO

1. Sal-15 ta' Novembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni lista ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għas-sena ta' wara, inkluża l-informazzjoni li tinsab fl-Anness V. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik il-lista lis-Segretarjat tal-SPRFMO. L-Istati Membri għandhom iqisu l-istorja tal-konformità tal-bastimenti u l-operaturi tas-sajd, meta jkunu qed jikkunsidraw il-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għaż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li huma awtorizzati jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, mill-inqas 20 ġurnata qabel id-data tal-ewwel dħul ta' tali bastimenti fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO tal-inqas 15-il jum qabel id-data tal-ewwel dħul fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* dwar il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li huma awtorizzati jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO tkun aġġornata. Kwalunkwe modifika għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 10 ijiem wara tali modifika. Il-Kummissjoni għandha tinforma lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien ħamest ijiem minn meta tirċievi tali notifika.

4. Fil-każ ta' revoka, rinunzja jew kwalunkwe ċirkostanza oħra li tagħmel l-awtorizzazzjoni invalida, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni mingħajr dewmien sabiex tkun tista' tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien tlett ijiem wara d-data tal-invalidità tal-awtorizzazzjoni.

5. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li ma jkunux inklużi fir-reġistru tal-bastimenti tal-SPRFMO ma għandhomx jiġu awtorizzati jieħdu sehem f'attivitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet taħt ir-responsabbiltà tal-SPRFMO fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.

KAPITOLU II

It-trasbord

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-trasbord

1. Dan il-Kapitolu għandu japplika għall-operazzjonijiet ta' trasbord imwettqa:

▼B

(a) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fir-rigward tar-riżorsi tas-sajd tal-SPRFMO, u ta' speċijiet oħra maqbuda b'rabta ma' dawn ir-riżorsi, li jkunu ġew miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

(b) barra miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fir-rigward tar-riżorsi tas-sajd tal-SPRFMO u ta' speċijiet oħra maqbuda b'rabta ma' dawn ir-riżorsi, li jkunu ġew miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO.

2. It-trasbord fuq il-baħar u fil-port għandu jsir biss bejn bastimenti tas-sajd inklużi fir-reġistru tal-bastimenti tal-SPRFMO.

3. It-trasferiment fuq il-baħar ta' fjuwil, ekwipaġġ, irkaptu jew kwalunkwe provvista oħra fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandu jsir biss bejn bastimenti tas-sajd inklużi fir-Reġistru tal-Bastimenti tal-SPRFMO.

4. L-operazzjonijiet ta' trasbord fuq il-baħar fir-rigward tar-riżorsi tas-sajd tal-SPRFMO, u ta' speċijiet oħra maqbuda b'rabta ma' dawn ir-riżorsi, li jkunu ġew miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, għandhom ikunu pprojbiti fl-ibħra tal-Unjoni.

Artikolu 24

In-notifika tat-trasbord tas-sawrell taċ-Ċilì u ta' speċijiet demersali

1. Irrispettivament minn fejn iseħħ it-trasbord, fil-każ ta' trasbord tas-sawrell taċ-Ċilì u tas-speċijiet demersali li jinqabdu fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom simultanjament jittrażmettu lill-Kummissjoni u lis-Segretarjat tal-SPFRMO l-informazzjoni li ġejja:

(a) notifika dwar l-intenzjoni ta' trasbord, li għandha tindika perjodu ta' 14-il jum li matulu jkun skedat li jsir it-trasbord tas-sawrell taċ-Ċilì u tas-speċijiet demersali maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, u li għandha tasal sebat ijiem qabel l-ewwel jum tal-perjodu ta' 14-il jum;

(b) notifika dwar it-trasbord innifsu, li għandha tasal tal-anqas 12-il siegħa qabel il-ħin stmat ta' tali attivitajiet.

L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni jittrażmetti dik l-informazzjoni direttament lis-Segretarjat tal-SPRFMO b'mezzi elettroniċi, sakemm din l-informazzjoni tiġi trażmessa simultanjament lill-Kummissjoni wkoll.

2. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti disponibbli dwar l-operazzjoni tat-trasbord, inkluża d-data u l-ħin stmati, il-post previst, l-attività tas-sajd, u l-informazzjoni dwar il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni involuti, b'konformità mal-Anness VII.

▼B

Artikolu 25

Il-monitoraġġ tat-trasbord tas-sawrell u ta' speċijiet demersali

1. Jekk ikun hemm osservatur abbord il-bastiment tas-sajd tal-Unjoni li jkun qed iħott jew jgħabbi, l-osservatur għandu jimmonitorja l-attivitajiet tat-trasbord. L-osservatur għandu jimla' l-folja tat-trasbord tal-SPRFMO fil-ġurnal ta' abbord, b'konformità mal-Anness VIII, sabiex jivverifika l-kwantità u l-ispeċijiet tal-prodotti tas-sajd li jkunu qed jiġu ttrasbordati, u għandu jipprovdi kopja tal-folja tat-trasbord lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment osservat.

2. L-Istat Membru tal-bandiera għandu jippreżenta d-*data* tal-osservaturi tal-folja tat-trasbord tal-ġurnal ta' abbord tal-SPRFMO lill-Kummissjoni fi żmien 10 ijiem mill-iżbark tal-osservaturi. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik id-*data* lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 15-il jum mid-data tal-iżbark.

3. Għal skopijiet ta' verifika tal-kwantità u tal-ispeċijiet tal-prodotti tas-sajd trasbordati, u sabiex jiġi żgurat li tista' ssir verifika xierqa, l-osservatur abbord għandu jkollu aċċess sħiħ għall-bastiment tas-sajd tal-Unjoni osservat, inkluż għall-ekwipaġġ, l-irkaptu, it-tagħmir, ir-rekords (inkluż f'format elettroniku)u l-istivi tal-ħut.

Artikolu 26

L-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata wara t-trasbord tas-sawrell taċ-Ċilì u ta' speċijiet demersali

1. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom ikunu involuti fl-operazzjoni tat-trasbord għandhom jinnotifikaw id-dettalji operattivi kollha lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Kummissjoni simultanjament, b'konformità mal-Anness IX, sa mhux aktar tard minn sebat ijiem wara li jkun sar it-trasbord.

2. L-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw lill-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni jittrażmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 direttament lis-Segretarjat tal-SPRFMO b'mezzi elettroniċi, sakemm din l-informazzjoni tiġi trażmessa simultanjament lill-Kummissjoni wkoll. Kwalunkwe talba għall-kjarifika mis-Segretarjat tal-SPRFMO li jirċievi l-operatur tal-bastiment tas-sajd tal-Unjoni għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

KAPITOLU III

Ġbir u rappurtar ta' data

Artikolu 27

***Il-ġbir u r-rappurtar tad*-data**

1. Minbarra r-rekwiżiti tar-rappurtar tad-*data* spjegati fl-Artikoli 7, 11, 14, 16, 18, 25 u 26, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni d-*data* msemmija fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.

▼B

2. Sal-15 ta' Settembru kull sena, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni l-piż ħaj tal-ispeċijiet jew gruppi ta' speċijiet kollha maqbuda matul is-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Settembru.

3. Sal-15 ta' Ġunju kull sena, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-*data* dwar l-attività tas-sajd bit-tkarkir fuq bażi ta' kull kalata għaliha; id-*data* dwar il-konzijiet tal-qiegħ fuq bażi ta' kull sett għalih; u d-*data* dwar il-ħatt l-art, inkluża dik dwar il-bastimenti refriġeraturi, u t-trasbordi. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Ġunju.

4. Il-Kummissjoni tista' tistabbilixxi, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, rekwiżiti dettaljati għar-rappurtar tad-*data* msemmi f'dan l-Artikolu. Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 45(2).

KAPITOLU IV

Programmi ta' osservazzjoni

Artikolu 28

Il-programmi ta' osservazzjoni

1. L-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jistabbilixxu programmi ta' osservazzjoni għall-ġbir tad-*data* msemmija fl-Anness X.

2. Sal-15 ta' Settembru kull sena, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jagħtu lill-Kummissjoni d-*data* tal-osservaturi applikabbli msemmija fl-Anness X, li tkun tkopri s-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sat-30 ta' Settembru.

3. Sal-15 ta' Awwissu kull sena, l-Istati Membri li l-bastimenti tagħhom jistadu fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandhom jipprovdu rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tal-programm ta' osservazzjoni fis-sena preċedenti. Ir-rapport għandu jinkludi t-taħriġ tal-osservaturi, it-tfassil u l-kopertura tal-programm, it-tip ta' *data* miġbura, u kwalunkwe problema li nqalgħet matul is-sena. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO sal-1 ta' Settembru.

Artikolu 29

Is-sistema ta' monitoraġġ tal-bastimenti

1. L-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandu jiżgura t-trażmissjoni awtomatika tad-*data* tal-VMS liċ-Ċentru ta' Monitoraġġ tas-Sajd (FMC) tal-Istat Membru tal-bandiera b'marġini ta' żball fil-pożizzjoni li għandu jkun ta' inqas minn 100 metru fil-kundizzjonijiet operattivi normali ta' navigazzjoni bis-satellita.

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ċ-Ċentri ta' Monitoraġġ tas-Sajd tagħhom jirrapportaw awtomatikament u kontinwament id-*data* tal-VMS tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom u li jkunu involuti f'sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas darba kull siegħa, u li l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita installat abbord il-bastimenti li jtajru l-bandiera tagħhom jkun kapaċi jirrapportaw id-*data* tal-VMS mill-inqas kull 15-il minuta.

3. Għall-fini tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, iż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO għandha tinkludi żona ta' 100 mil nawtiku barra miż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO, li fiha għandu japplika l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, fil-każ li l-antenna tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita tkun immuntata b'mod separat mill-kaxxa magħluqa, tintuża antenna waħda komuni għad-decoder u għat-transmitter tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, u li l-kaxxa magħluqa tkun konnessa mal-antenna permezz ta' kejbil wieħed kontinwu.

KAPITOLU V

Il-kontroll ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fil-portijiet tal-Istati Membri

Artikolu 30

Il-punti ta' kuntatt u l-portijiet iddeżinjati

1. Stat Membru li jkun jixtieq jagħti aċċess għall-portijiet tiegħu lil bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin iġorru prodotti tas-sajd tal-SPRFMO maqbuda fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO jew prodotti tas-sajd li joriġinaw minn dawn ir-riżorsi li ma jkunux tħattew l-art jew ġew ittrasbordati qabel f'port jew fuq il-baħar, għandu:

(a) jiddeżinja l-portijiet li għalihom il-bastimenti ta' pajjiżi terzi jistgħu jitolbu l-aċċess skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(b) jiddeżinja punt ta' kuntatt għall-fini li jirċievi l-avviż minn qabel skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008;

(c) jiddeżinja punt ta' kuntatt għall-fini li jirċievi r-rapporti ta' spezzjoni skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu kwalunkwe bidla fil-lista tal-punti ta' kuntatt iddeżinjati u tal-portijiet iddeżinjati lill-Kummissjoni, mill-inqas 40 jum qabel ma l-bidliet isiru effettivi. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 30 jum qabel mal-bidliet isiru effettivi.

▼B

Artikolu 31

In-notifika minn qabel

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri tal-port għandhom jirrikjedu lill-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li għandhom l-intenzjoni li jħottu l-art jew li jittrasbordaw fil-portijiet tagħhom ir-riżorsi tas-sajd tal-SPRFMO li ma jkunux tħattew l-art jew ġew ittrasbordati qabel, jipprovdu, mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel il-ħin stmat tal-wasla fil-port, l-informazzjoni li ġejja skont l-Anness XI:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastiment (identifikazzjoni esterna, isem, bandiera, numru tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI), jekk għandu, u s-sinjal internazzjonali tas-sejħa bir-radju (IRCS));

(b) l-isem tal-port iddeżinjat li għalih il-bastiment tas-sajd qed jitlob l-aċċess, u l-iskop tal-waqfa fil-port (ħatt l-art jew trasbord);

(c) kopja tal-awtorizzazzjoni tas-sajd jew, fejn ikun xieraq, kwalunkwe awtorizzazzjoni oħra fil-pussess tal-bastiment tas-sajd biex tappoġġja l-operazzjonijiet fuq prodotti tas-sajd tal-SPRFMO, jew għat-trasbord ta' tali prodotti tas-sajd;

(d) id-data u l-ħin stmati tal-wasla fil-port;

(e) il-kwantitajiet stmati, f'kilogrammi, ta' kull prodott tas-sajd tal-SPRFMO miżmum abbord, flimkien maż-żoni tal-qbid assoċjati. Jekk abbord ma jkunx hemm prodotti tas-sajd tal-SPRFMO, għandu jiġi trażmess rapport “xejn”;

(f) il-kwantitajiet stmati, f'kilogrammi, ta' kull prodott tas-sajd tal-SPRFMO, li jkun se jinħatt l-art jew jiġi trasbordat, flimkien maż-żoni tal-qbid assoċjati;

(g) il-lista tal-ekwipaġġ tal-bastiment tas-sajd;

(h) id-dati tal-vjaġġ tas-sajd.

2. L-informazzjoni provduta skont il-paragrafu 1 għandha tiġi akkumpanjata minn ċertifikat tal-qbid ivvalidat b'konformità mal-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008 jekk il-bastiment tas-sajd tal-pajjiż terz iġorr abbord prodotti tas-sajd tal-SPRFMO.

3. L-Istati Membri tal-Port jistgħu jirrikjedu wkoll kwalunkwe informazzjoni addizzjonali biex jiddeterminaw jekk il-bastiment tas-sajd kienx involut f'sajd IUU jew attivitajiet relatati.

4. L-Istati Membri tal-port jistgħu jippreskrivu perjodu ta' notifika itwal jew iqsar minn dak speċifikat fil-paragrafu 1, waqt li jqisu, fost affarijiet oħra, it-tip ta' prodott tas-sajd u d-distanza bejn iż-żoni tas-sajd u l-portijiet tagħhom. F'dan il-każ, l-Istati Membri tal-port għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni, li għandha minnufih tittrażmetti l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

▼B

Artikolu 32

L-awtorizzazzjoni għall-ħatt l-art jew għat-trasbord fil-portijiet

Wara li jkun irċieva l-informazzjoni rilevanti skont l-Artikolu 31, Stat Membru tal-port għandu jiddeċiedi jekk jawtorizzax jew jiċħadx id-dħul tal-bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz fil-port tiegħu. Meta l-bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz ikun ġie mċaħħad milli jidħol, l-Istat Membru tal-port għandu jinforma lill-Kummissjoni, li għandha tibgħat l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mingħajr dewmien. L-Istati Membri tal-port għandhom jiċħdu l-aċċess lill-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista tal-bastimenti IUU tal-SPRFMO.

Artikolu 33

L-ispezzjonijiet fil-port

1. L-Istati Membri tal-port għandhom jispezzjonaw mill-inqas 5 % tal-operazzjonijiet ta' ħatt l-art u trasbord relatati mal-prodotti tas-sajd tal-SPRFMO magħmula minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fil-portijiet iddeżinjati tagħhom.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 9(2) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, l-Istati Membri tal-port għandhom jispezzjonaw il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi meta:

(a) ikun hemm talba minn Parti Kontraenti oħra, minn CNCP jew minn RFMO rilevanti li bastiment tas-sajd partikolari jiġi spezzjonat, b'mod partikolari fejn dawn ir-rikjesti jiġu appoġġjati minn evidenza ta' sajd IUU mill-bastiment tas-sajd inkwistjoni, u meta jkun hemm raġunijiet ċari biex jiġi ssuspettat li bastiment tas-sajd kien involut f'sajd IUU;

(b) il-bastiment tas-sajd ikun naqas milli jipprovdi informazzjoni kompluta kif mitlub fl-Artikolu 31;

(c) il-bastiment tas-sajd ikun ġie mċaħħad mid-dħul jew l-użu ta' port b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-SPRFMO jew ta' RFMOs oħra.

Artikolu 34

Il-proċedura tal-ispezzjoni

1. Dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mar-regoli dwar il-proċedura tal-ispezzjoni stipulati fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. L-ispetturi mill-Istati Membri għandhom iġorru dokument ta' identità validu. Dawn jistgħu jieħdu kopji ta' kwalunkwe dokument meqjus rilevanti.

3. L-ispezzjonijiet għandhom jitwettqu b'tali mod li l-bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz iġarrab interferenza u inkonvenjenza mill-inqas, u li d-deterjorament fil-kwalità tal-qabda jiġi evitat safejn ikun prattikabbli.

4. Malli titlesta l-ispezzjoni, il-kaptan tal-bastiment għandu jingħata l-opportunità li jżid xi kummenti jew oġġezzjonijiet mar-rapport u li jikkuntattja lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-port rilevanti b'rabta mar-rapport tal-ispezzjoni. Il-mudell għar-rapport tal-ispezzjoni jinsab fl-Anness XII. Il-kaptan tal-bastiment għandu jingħata kopja tar-rapport.

▼B

5. Fi żmien 12-il jum tax-xogħol mid-data tat-tlestija tal-ispezzjoni, l-Istat Membru tal-Port għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni kopja tar-rapport tal-ispezzjoni msemmi fl-Artikoli 10(3) u 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008, ikkompletat b'konformità mal-Anness XII ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi r-rapport lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 15-il jum tax-xogħol mid-data tat-tlestija tal-ispezzjoni.

6. Jekk ir-rapport tal-ispezzjoni tal-port ma jkunx jista' jiġi trażmess lill-Kummissjoni sabiex jintbagħat lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien 15-il jum, l-Istat Membru tal-port għandu jinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien suffiċjenti bir-raġunijiet għad-dewmien u dwar meta se jitressaq ir-rapport, sabiex jippermetti lill-Kummissjoni tinforma lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien il-perjodu ta' 15-il jum tax-xogħol.

Artikolu 35

Il-proċedura fil-każ ta' evidenza ta' ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO waqt l-ispezzjonijiet fil-port

1. Jekk l-informazzjoni miġbura waqt l-ispezzjoni tagħti prova li bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz ikun wettaq ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO, dan l-Artikolu għandu japplika flimkien mal-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1005/2008.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tal-port għandhom jibagħtu kopja tar-rapport tal-ispezzjoni lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun u fi kwalunkwe każ fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti dak ir-rapport lis-Segretarjat tal-SPRFMO u lill-Parti Kontraenti tal-bandiera jew punt ta' kuntatt tas-CNCP mingħajr dewmien.

3. L-Istati Membri tal-port għandhom jinnotifikaw minnufih l-azzjoni meħuda fil-każ ta' ksur lill-awtorità kompetenti tal-Parti Kontraenti tal-bandiera jew CNCP u lill-Kummissjoni, li għandha tittrażmetti dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

KAPITOLU VI

Infurzar

Artikolu 36

Il-ksur allegat tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO rrappurtat mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, mill-inqas 145 jum qabel il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni tal-SPRFMO, kwalunkwe informazzjoni dokumentata li tindika każijiet possibbli ta' nuqqas ta' konformità minn kwalunkwe bastiment tas-sajd mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO fiż-Żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO matul is-sentejn preċedenti. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-informazzjoni, u jekk ikun jixraq, tibgħatha lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 120 jum qabel il-laqgħa annwali.

▼B

Artikolu 37

L-inklużjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni fl-abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tal-SPRFMO

1. Jekk il-Kummissjoni tirċievi notifika uffiċjali dwar l-inklużjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni fl-abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tal-SPRFMO mis-Segretarjat tal-SPRFMO, hija għandha tittrażmetti n-notifika, inkluża l-evidenza ta' appoġġ u kwalunkwe informazzjoni dokumentata oħra pprovduta lill-Istat Membru tal-bandiera, għall-kummenti, sa mhux aktar tard minn 45 jum qabel il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni tal-SPRFMO. Il-Kummissjoni għandha teżamina din l-informazzjoni u tibgħatha lis-Segretarjat tal-SPRFMO mill-inqas 30 jum qabel il-laqgħa annwali.

2. Ġaladarba jkunu ġew notifikati mill-Kummissjoni, l-awtoritajiet tal-Istat Membru tal-bandiera għandhom jinnotifikaw lis-sid tal-bastiment tas-sajd dwar l-inklużjoni tiegħu fl-abbozz tal-lista ta' bastimenti IUU tal-SPRFMO u bil-konsegwenzi li jistgħu jirriżultaw f'każ li l-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' bastimenti IUU adottata mill-SPRFMO tiġi kkonfermata.

Artikolu 38

Il-miżuri li jirrigwardaw il-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-SPRFMO

1. Mal-adozzjoni tal-lista ta' bastimenti IUU tal-SPRFMO, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istat Membru tal-bandiera jinnotifika lis-sid tal-bastiment tas-sajd identifikat fuq il-lista tal-bastimenti IUU dwar l-inklużjoni tiegħu fil-lista u l-konsegwenzi li jirriżultaw mill-inklużjoni fil-lista.

2. Stat Membru li jkollu informazzjoni li tindika bidla fl-isem jew fl-IRCS ta' bastiment tas-sajd li jidher fuq il-lista tal-bastimenti tal-IUU tal-SPRFMO għandu, malajr kemm jista' jkun, jittrażmetti din l-informazzjoni lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO mingħajr dewmien.

Artikolu 39

In-nuqqasijiet ta' konformità allegati rrappurtati mis-Segretarjat tal-SPRFMO

1. Jekk il-Kummissjoni tirċievi xi informazzjoni mingħand is-Segretarjat tal-SPRFMO li tindika s-suspett ta' nuqqas ta' konformità, minnaħa ta' Stat Membru, mal-Konvenzjoni tal-SPRFMO u/jew mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO, il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-Istat Membru kkonċernat mingħajr dewmien.

2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar is-sejbiet ta' kwalunkwe investigazzjoni li ssir b'rabta mal-allegazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità u dwar kwalunkwe azzjoni li tittieħed biex tindirizza kwistjonijiet ta' konformità, mill-inqas 45 jum qabel il-laqgħa annwali tal-Kummissjoni tal-SPRFMO. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dik l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO tal-inqas 30 jum qabel il-laqgħa annwali.

▼B

Artikolu 40

Il-ksur allegat tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO rrappurtat minn Parti Kontraenti jew minn CNCP

1. L-Istati Membri għandhom jiddeżinjaw punt ta' kuntatt fejn jirċievu r-rapporti dwar l-ispezzjonijiet tal-portijiet mingħand il-Partijiet Kontraenti u s-CNCPs.

2. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni kwalunkwe bidla tal-punt ta' kuntatt iddeżinjat, mill-inqas 40 jum qabel ma jsiru effettivi l-bidliet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO, mill-inqas 30 jum qabel ma jsiru effettivi l-bidliet.

3. Jekk il-punt ta' kuntatt iddeżinjat minn Stat Membru jirċievi rapport ta' spezzjoni minn Parti Kontraenti jew minn CNCP li jipprovdi evidenza li bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru jkun wettaq ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO, l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinvestiga minnufih il-ksur allegat u jinnotifika lill-Kummissjoni bl-istatus tal-investigazzjoni, u bi kwalunkwe azzjoni ta' infurzar li setgħet ittieħdet sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tinforma lis-Segretarjat tal-SPRFMO fi żmien tliet xhur minn meta tkun irċeviet in-notifika. Jekk l-Istat Membru ma jistax jipprovdi lill-Kummissjoni rapport dwar l-istatus fi żmien tliet xhur minn meta jkun irċieva r-rapport tal-ispezzjoni, għandu jinnotifika lill-Kummissjoni fi żmien il-perjodu ta' tliet xhur, bir-raġunijiet dwar id-dewmien u dwar id-data sa meta jkun se jitressaq ir-rapport tal-istatus. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-informazzjoni dwar l-istatus jew id-dewmien tal-investigazzjoni lis-Segretarjat tal-SPRFMO.

Artikolu 41

Il-ħsara teknika tal-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita

1. Fil-każ ta' ħsara teknika tal-apparat tagħhom ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom, jirrapportaw id-*data* li ġejja, kull erba' sigħat, liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd tal-Istat Membru tal-bandiera tagħhom b'mezzi tat-telekomunikazzjoni xierqa:

(a) in-numru tal-OMI;

(b) l-IRCS;

(c) l-isem tal-bastiment;

(d) l-isem tal-kaptan tal-bastiment;

(e) il-pożizzjoni (latitudni u lonġitudni), id-data u l-ħin (UTC);

(f) l-attività (sajd/tranżitu/trasbord).

▼M1

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fil-każ li l-ħsara teknika fl-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita ma tkunx issewwiet fi żmien 30 jum mill-bidu tal-obbligu ta' rappurtar kif speċifikat fil-paragrafu 1, il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom jieqfu jistadu, jerfgħu l-irkaptu kollu tas-sajd u jerġgħu lura lejn il-port mingħajr dewmien biex isewwu l-apparat ta' lokalizzazzjoni permezz tas-satellita.

▼B

3. Il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu għandhom japplikaw flimkien mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) Nru 404/2011.

TITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 42

Il-kunfidenzjalità

Id-*data* li tingħabar u li tiġi skambjata fil-qafas ta' dan ir-Regolament għandha tiġi ttrattata b'konformità mar-regoli dwar il-kunfidenzjalità stabbiliti fl-Artikoli 112 u 113 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Artikolu 43

Il-proċedura għall-emendi

Sabiex jiġu inkorporati fil-liġi tal-Unjoni l-emendi tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tal-SPRFMO, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 44 biex jemendaw:

(a) l-Annessi ta' dan ir-Regolament;

(b) il-limiti taż-żmien stabbiliti fl-Artikoli 7(1) u (2), 11, 12(2), 13(2), 16(1) u (2), 17(1) u (2), 22(1) sa (4), 24(1), 25(2), 26(1), 27(2) u (3), 28(2) u (3), 29(1), 30(2), 31(1), 34(5) u (6), 35(2) u (3), 36, 37 (1), 39(2), 40(2) u (3), u 41(1) u (2).

(c) il-kopertura tal-osservaturi stabbilita fl-Artikoli 6 u 15;

(d) il-perjodu ta' referenza biex tiġi determinata l-impronta tas-sajd tal-qiegħ fl-Artikolu 12(2);

(e) il-kopertura tal-ispezzjoni stabbilita fl-Artikolu 33(1);

(f) it-tip ta' rekwiżiti ta' *data* u informazzjoni stabbiliti fl-Artikoli 7(2), 11, 12(2) u (3), 13(2) u (3), 14(1), 16(1) u (2), 17(1), 18(2) u (3), 19(1), 24(1), 25(2), 27(2) u (3), 28(3), 31(1) u 41(1).

Artikolu 44

L-eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

▼B

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 43 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-19 ta' Lulju 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 43 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti innominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet..

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 43 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 45

Il-proċedura tal-kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bl-Artikolu 47 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 46

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-istandards tal-piżijiet tal-lett

Il-bastimenti għandhom jużaw reġim ta' piżijiet tal-konzijiet li jikseb rata ta' veloċità minima ta' immersjoni tal-konzijiet, li tista' tintwera, ta' 0,3 metri/sekonda għal fond ta' 15-il metru għal kull irkaptu. B'mod partikolari:

(a) il-piżijiet mal-lett esterni fis-sistema Spanjola u l-linji tat-trot għandhom jużaw massa ta' mill-inqas 8,5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m jekk jintuża l-ġebel, massa ta' 6 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 20 m għall-piżijiet tal-konkrit, u piżijiet ta' 5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m meta jintużaw piżijiet tal-metall solidu;

(b) il-piżijiet mal-lett esterni f'linja awtomatika għandhom jużaw massa ta' mill-inqas 5 kg f'intervalli ta' mhux aktar minn 40 m, li għandhom jiġu rilaxxati mill-bastimenti b'mod li jevita t-tensjoni fuq il-poppa tal-bastiment (it-tensjoni fuq wara tista' tgħolli 'l barra mill-ilma xi sezzjonijiet mill-konz li jkunu diġà mħejjija għall-użu);

(c) il-piżijiet mal-lett interni għandhom ikollhom qafas taċ-ċomb ta' mill-inqas 50 g/m.

▼B

ANNESS II

L-ispeċifikazzjonijiet għal-lettijiet bin-naffara tal-għasafar

F'kull ħin għandhom jinġarru żewġ lettijiet bin-naffara tal-għasafar, u għandhom ikunu bil-lest biex jintużaw kull darba li l-irkaptu jiġi kalat mill-bastiment. B'mod partikolari:

(a) il-lettijiet bin-naffara tal-għasafar għandhom jitwaħħlu mal-bastiment b'mod li meta jkunu lesti għall-użu l-lixki jkunu protetti permezz tal-lett bl-istrixxi li jnaffru, anke f'irjieħ trasversali;

(b) il-lettijiet bin-naffara tal-għasafar għandhom jużaw strixxi b'kuluri vivaċi li jkunu twal biżżejjed biex jilħqu l-wiċċ tal-baħar f'kundizzjonijiet kalmi ("strixxi twal") li jitpoġġew f'intervalli ta' mhux aktar minn 5 m mill-inqas għall-ewwel 55 m tal-lett bl-istrixxi u għandhom jitwaħħlu mal-lett b'torniketti li jipprevjenu li l-istrixxi jitħabblu mal-lett;

(c) il-lettijiet bin-naffara tal-għasafar jistgħu jużaw ukoll strixxi ta' mill-inqas 1 m ("strixxi qosra") li jitpoġġew f'intervalli ta' mhux aktar minn 1 m;

(d) jekk lett bin-naffara tal-għasafar jinkiser jew iġarrab ħsarat waqt l-użu, dan għandu jiġi msewwi jew sostitwit sabiex il-bastiment jissodisfa dawn l-ispeċifikazzjonijiet qabel ma jintefgħu aktar snanar fl-ilma;

(e) il-lettijiet bin-naffara tal-għasafar għandhom jitpoġġew b'mod li:

(i) jibqgħu 'l fuq mill-wiċċ tal-ilma meta s-snanar ikunu għerqu għal fond ta' 15 m, jew

(ii) ikollhom tul minimu ta' 150 m meta jiġu estiżi u sospiżi minn punt fuq il-bastiment ta' mill-inqas 7 m 'il fuq mill-ilma fin-nuqqas ta' mbatt.

▼B

ANNESS III

L-ispeċifikazzjonijiet tal-purtiera li tfixkel lill-għasafar

Il-purtiera li tfixkel lill-għasafar tikkonsisti f'żewġ bomi jew aktar imwaħħla mal-kwart tal-poppa tal-bastiment, b'tal-inqas boma waħda mwaħħla mal-kwart tal-poppa ta' bord il-lemin u tal-inqas boma waħda mwaħħla mal-kwart tal-poppa bord ix-xellug:

(a) kull boma għandha testendi minimu ta' 4 m 'l barra mill-ġenb jew mill-poppa tal-bastiment;

(b) mal-bomi għandhom jitwaħħlu kejbils imdendla b'distanza ta' mhux aktar minn 2 m 'il bogħod minn xulxin;

(c) konijiet tal-plastik, bsaten jew materjal ieħor durabbli u b'kuluri vivaċi għandhom jitqabbdu mat-truf tal-kejbils imdendla b'mod li l-qiegħ tal-kon, bastun jew materjal ma jkunx aktar minn 500 mm 'l fuq mill-ilma, fin-nuqqas ta' riħ u mewġ;

(d) bejn il-kejbils imdendla jistgħu jitqabbdu ħbula jew ċineg sabiex jiġi pprevenut it-tħabbil.

▼B

ANNESS IV

Il-linji gwida għall-preparazzjoni u l-preżentazzjoni ta' notifiki ta' skoperta ta' EMVs

1. *Informazzjoni ġenerali*

   Tinkludi informazzjoni tal-kuntatt, il-bandiera, l-isem jew ismijiet tal-bastimenti u d-dati tal-ġbir tad-*data*.

2. *Il-post tal-EMV*

   Indika l-pożizzjonijiet tal-bidu u tat-tmiem ta' kull tħejjija tal-irkaptu għall-użu u l-osservazzjonijiet.

   Ipprovdi mapep taż-żoni tas-sajd, inkluża l-batimetrija jew il-ħabitat sottostanti u l-iskala tal-ispazju tas-sajd.

   Indika l-profondità jew profonditajiet tas-sajdiet.

3. *L-irkaptu tas-sajd*

   Indika l-irkaptu tas-sajd użat f'kull post.

4. *Id-data addizzjonali miġbura*

   Indika d-*data* addizzjonali miġbura fil-postijiet, jew qrib il-postijiet, fejn saru s-sajdiet, jekk ikun possibbli.

   Id-*data* bħall-batimetrija b'multibeam, id-*data* oċeanografika bħall-profili CTD, il-profili attwali, il-kimika tal-ilma, it-tipi ta' substrati rreġistrati fi jew qrib dawk il-postijiet, fawna oħra osservata, ir-reġistrazzjonijiet bil-vidjo, il-profili akustiċi, eċċ.

5. *It-taxa (gruppi tassonomiċi) tal-EMV*

   Għal kull stazzjon fejn ikun sar is-sajd, ipprovdi d-dettalji tal-gruppi tassonomiċi tal-EMV osservati, inkluża d-densità relattiva tagħhom, id-densità assoluta jew in-numru ta' organiżmi jekk ikun possibbli.

▼B

ANNESS V

L-istandards għad-*data* tal-bastimenti

1. L-elementi ta' *data* li ġejjin għandhom jinġabru skont l-Artikoli 16, 17 u 22:

(i) Bandiera attwali tal-bastiment u isem il-bastiment

(ii) Numru tar-reġistrazzjoni

(iii) IRCS (jekk disponibbli)

(iv) UVI (Identifikatur Uniku tal-Bastiment)/numru tal-OMI

(v) Ismijiet preċedenti (jekk huma magħrufa)

(vi) Il-port tar-reġistrazzjoni

(vii) Bandiera preċedenti

(viii) Tip ta' bastiment

(ix) Tip ta' metodu/metodi tas-sajd

(x) Tul

(xi) Tip ta' tul, bħal pereżempju "LOA", "LBP"

(xii) Tunnellaġġ gross — GT (li għandu jingħata bħala unità ppreferuta ta' tunnellaġġ)

(xiii) Tunnellaġġ gross irreġistrat — GRT (li għandu jingħata jekk il-GT ma jkunx disponibbli; jista' jingħata wkoll flimkien mal-GT)

(xiv) Saħħa tal-magna/magni ewlenija/ewlenin (kw)

▼M1

(xv) Kapaċità tal-istiva ($m^{3;}$ jekk applikabbli)

▼B

(xvi) Tip ta' freezer (jekk applikabbli)

(xvii) Numru ta' unitajiet ta' freezers (jekk applikabbli)

(xviii) Kapaċità tal-iffriżar (jekk applikabbli)

(xix) Tipi u numri tal-komunikazzjoni tal-bastiment (in-numri INMARSAT A, B u C);

(xx) Dettalji tas-sistema tal-VMS (ditta, mudell, karatteristiċi u identifikazzjoni);

(xxi) Isem tas-sid jew sidien

(xxii) Indirizz tas-sid jew sidien

(xxiii) Data tal-bidu tal-awtorizzazzjoni tal-bastiment

(xxiv) Data tat-tmiem tal-awtorizzazzjoni tal-bastiment

(xxv) Data tal-inklużjoni fir-Reġistru tal-bastimenti tal-SPRFMO

▼M1

(xxvi) Ritratti diġitali tal-bastiment ta' kwalità tajba, b'riżoluzzjoni għolja u b'luminożità u kuntrast xierqa, li ma jkunux eqdem minn 5 snin fil-mument li fih il-bastiment jiġi awtorizzat l-ewwel darba, li għandhom jikkonsistu f'mill-inqas:

▼M1

(i) ritratt ta' bord il-lemin tal-bastiment li juri t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tiegħu;

(ii) ritratt ta' bord ix-xellug tal-bastiment li juri t-tul kollu u l-karatteristiċi strutturali kollha tiegħu;

(iii) ritratt li juri l-poppa meħud direttament minn wara, inkluż kwalunkwe sovrastruttura.

Ir-ritratti għandhom jiġu aġġornati meta jsiru bidliet fil-karatteristiċi tal-bastiment (eż. modifiki tal-buq, tas-sovrastruttura, tak-marki esterni). Ir-ritratti għandhom jiġu ppreżentati f'wieħed mill-formati ta' fajls li ġejjin: jpeg, png, jew tiff.

▼B

2. Jekk disponibbli għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni li ġejja, meta jkun prattikabbli:

(i) Il-marki esterni (bħall-isem tal-bastiment, in-numru tar-reġistrazzjoni jew l-IRCS)

(ii) It-tipi ta' linji tal-ipproċessar tal-ħut (jekk applikabbli)

(iii) Id-data tal-kostruzzjoni

(iv) Il-post tal-kostruzzjoni

(v) Fond iffurmat

(vi) Raġġ

(vii) Tagħmir elettroniku abbord (pereżempju radju, ekosonda, radar, netsonda)

(viii) Isem tas-sid jew sidien tal-liċenzja (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)

(ix) L-indirizz tas-sid(ien) tal-liċenzja (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)

(x) L-isem tal-operatur(i) (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)

(xi) L-isem u l-indirizz tal-operatur(i), (jekk differenti mis-sid tal-bastiment)

(xii) L-isem tal-kaptan tal-bastiment

(xiii) In-nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

(xiv) L-isem tal-kaptan tas-sajd

(xv) In-nazzjonalità tal-kaptan tas-sajd

▼B

ANNESS VI

Il-Pjan Operazzjonali tas-Sajd għas-sajd esploratorju

Il-Pjan Operazzjonali tas-Sajd għas-sajd esploratorju għandu jinkludi l-informazzjoni li ġejja, sal-punt fejn tkun disponibbli:

(i) deskrizzjoni tas-sajd esploratorju, inkluża ż-żona, l-ispeċijiet fil-mira, il-metodi tas-sajd proposti, il-limiti massimi tal-qbid proposti u kwalunkwe tqassim dak il-limiti ta' qbid bejn iż-żoni u l-ispeċijiet;

(ii) l-ispeċifikazzjoni u d-deskrizzjoni sħiħa tat-tipi ta' rkaptu tas-sajd li għandu jintuża, inkluża kwalunkwe modifika li ssir lill-irkaptu bil-ħsieb li jittaffew l-effetti tas-sajd propost fuq speċijiet mhux fil-mira u assoċjati jew dipendenti jew fuq l-ekosistema tal-baħar li fiha jsir is-sajd;

(iii) il-perjodu ta' żmien kopert mill-Pjan Operazzjonali tas-Sajd (sa perjodu massimu ta' tliet snin);

(iv) kwalunkwe informazzjoni bijoloġika dwar l-ispeċijiet fil-mira minn riċerka komprensiva jew vjaġġi ta' stħarriġ, bħad-distribuzzjoni, l-abbundanza, id-*data* demografika u l-informazzjoni dwar l-identità tal-istokkijiet;

(v) id-dettalji ta' speċijiet mhux fil-mira u speċijiet assoċjati jew dipendenti u l-ekosistema marina li fiha jsir is-sajd, sal-punt fejn dawn aktarx jiġu affettwati mill-attività tas-sajd proposta u kwalunkwe miżura li se tittieħed sabiex jittaffew dawn l-effetti;

(vi) l-impatt kumulattiv antiċipat tal-attività kollha tas-sajd fiż-żona tas-sajd esploratorju jekk applikabbli;

(vii) l-informazzjoni minn sajd ieħor fir-reġjun jew sajd simili f'postijiet oħrajn li tista' tassisti fl-evalwazzjoni tar-rendiment potenzjali tas-sajd esploratorju rilevanti, sal-punt li l-Istat Membru jkun jista' jipprovdi dik l-informazzjoni;

(viii) jekk l-attività tas-sajd proposta hija t-tkarkir tal-qiegħ, il-valutazzjoni tal-impatt tal-attivitajiet tat-tkarkir tal-qiegħ tal-bastimenti li jtajru l-bandiera tal-Istat Membru inkwisjtoni, f'konformità mal-Artikoli 12 u 13;

(ix) fejn l-ispeċi fil-mira hija ġestita wkoll minn RFMO kontigwa għall-SPRFMO jew organizzazzjoni simili, deskrizzjoni ta' dik iż-żona tas-sajd viċina li tkun suffiċjenti biex tippermetti lill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO jifformula l-parir tiegħu.

▼**M1**

ANNESS VII

Notifika ta' qabel it-trażbord

1. Dettalji tat-trażbord

   (a) L-Istat Membru li qed jippreżenta d-data

   (b) Id-data antiċipata tat-trażbord (UTC)

   (c) Il-ħin antiċipat tat-trażbord (UTC), jekk disponibbli

   (d) Il-latitudni antiċipata tat-trażbord (gradi deċimali)

   (e) Il-lonġitudni antiċipata tat-trażbord (gradi deċimali)

   (f) Il-formola mtliet minn (isem il-bastiment)

2. Dettalji tal-bastiment li jħott

   (a) Isem il-bastiment

   (b) Numru tar-reġistrazzjoni

   (c) IRCS

   (d) Stat tal-bandiera tal-bastiment

   (e) Numru OMI

   (f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

   (g) Il-kwantità stmata skont il-piż tal-ħut abbord qabel it-trażbord skont l-ispeċi, il-forma tal-prodott u ż-żona tal-qbid

   (h) Il-kwantità stmata skont il-piż li għandha tiġi trażbordata skont l-ispeċi, il-forma tal-prodott u ż-żona tal-qbid

3. Dettalji tal-bastiment riċevitur

   (a) Isem il-bastiment

   (b) Numru tar-reġistrazzjoni

   (c) IRCS

   (d) Stat tal-bandiera tal-bastiment

   (e) Numru OMI

   (f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

   (g) Il-kwantità stmata skont il-piż tal-ħut abbord qabel it-trażbord skont l-ispeċi, il-forma tal-prodott u ż-żona tal-qbid.

▼M1

ANNESS VIII

Ġurnal dwar it-trażbord tal-osservatur

1. Dettalji tal-bastiment tas-sajd li jħott

Isem il-bastiment	
Numru tar-reġistrazzjoni	
IRCS	
Stat tal-bandiera tal-bastiment	
Numru OMI	
Isem u nazzjonalità tal-kaptan	

2. Dettalji tal-bastiment tas-sajd riċevitur

Isem il-bastiment	
Numru tar-reġistrazzjoni	
Sinjal tas-sejħa bir-radju	
Stat tal-bandiera tal-bastiment	
Numru OMI	
Isem u nazzjonalità tal-kaptan	

3. Operazzjoni tat-trażbord

Data u ħin tal-bidu tat-trażbord (UTC)	
Data u ħin tat-tlestija tat-trażbord (UTC)	
Jekk it-trażbord isir fil-port: L-isem, il-pajjiż u l-kodiċi ([1]) tal-port	
Jekk it-trażbord isir fuq il-baħar: il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jibda t-trażbord	
Jekk it-trażbord isir fuq il-baħar: il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jitlesta t-trażbord	

Deskrizzjoni tat-tip ta' prodott skont l-ispeċi (bħal pereżempju ħut sħiħ iffriżat f'kaxxi ta' 20 kg)

Speċijiet		Tip ta' Prodott	
Speċijiet		Tip ta' Prodott	
Speċijiet		Tip ta' Prodott	

▼**M1**

Għadd ta’ kaxxi, piż nett (kg) tal-prodott, skont l-ispeċi					
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Speċijiet		Kaxxi		Piż nett	
Piż nett totali tal-prodott trażbordat (kg)					
Numri tal-istiva fil-bastiment refriġeratur fejn jinħażen il-prodott					
Port u pajjiż tad-destinazzjoni tal-bastiment tas-sajd riċevitur					
Data stmata tal-wasla					
Data stmata tal-ħatt l-art					

([1]) Kodiċi tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Postijiet tal-Kummerċ u tat-Trasport (UN/LOCODE).;

4. Osservazzjonijiet (jekk applikabbli)

5. Verifika

Isem l-osservatur	
Awtorità	
Firma	

▼**M1**

ANNESS IX

Dikjarazzjoni tat-trażbord

1. Dettalji tal-bastiment tas-sajd li jħott

   (a) Isem il-bastiment

   (b) Numru tar-reġistrazzjoni

   (c) IRCS

   (d) Stat tal-bandiera tal-bastiment

   (e) Numru OMI

   (f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

2. Dettalji tal-bastiment tas-sajd riċevitur

   (a) Isem il-bastiment

   (b) Numru tar-reġistrazzjoni

   (c) IRCS

   (d) Stat tal-bandiera tal-bastiment

   (e) Numru OMI

   (f) Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

3. Dettalji tal-operazzjoni tat-trażbord

   (a) Data u ħin tal-bidu tat-trażbord (UTC)

   (b) Data u ħin tat-tlestija tat-trażbord (UTC)

   (c) Jekk it-trażbord isir fil-port:

      l-istat tal-port, isem il-port u l-kodiċi tal-port

   (d) Jekk it-trażbord isir fuq il-baħar:

      (i) il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jibda t-trażbord (latitudni u lonġitudni; grad deċimali)

      (ii) il-pożizzjoni (għall-eqreb 1/10 ta' grad) kif jitlesta t-trażbord (latitudni u lonġitudni; grad deċimali)

   (e) Port destinatarju tal-bastiment tas-sajd riċevitur ([1])

   (f) Stima tad-data tal-wasla

   (g) Stima tad-data tal-ħatt l-art

   (h) Numri tal-istiva fil-bastiment tas-sajd riċevitur fejn jinħażen il-prodott

4. Dettalji tar-riżorsi tas-sajd trażbordati

   (a) Dettalji tar-riżorsi tas-sajd trażbordati

([1]) Jekk din l-informazzjoni tinbidel, id-Dikjarazzjoni tat-Trażbord għandha tiġi aġġornata u ppreżentata mill-ġdid mhux aktar tard minn 72 siegħa qabel il-ħatt l-art fil-port tal-prodotti trażbordati li huma ġestiti mill-SPRFMO.

▼**M1**

(i) Kodiċi tal-ispeċi (kodiċi tal-FAO bi tliet ittri)

(ii) Deskrizzjoni tal-ispeċi, skont it-tip ta' prodott (eż: ħut sħiħ iffriżat)

(iii) Tip ta' kontenitur/kaxxa

(iv) Numru ta' kaxxi u piż nett (kg) tal-prodott skont it-tip ta' kontenitur/pakk u skont l-ispeċi

(v) Piż nett totali tal-prodott trażbordat (kg)

(b) Irkaptu tas-sajd użat ([1])

5. Verifika

(a) Isem l-osservatur

(b) Awtorità

([1]) Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-irkaptu tas-sajd. Din l-informazzjoni jeħtieġ tiġi pprovduta biss mill-bastiment li jħott.

▼B

ANNESS X

Id-*data* tal-osservatur

Il-bastiment u d-dettalji tal-osservatur għandhom jiġu rreġistrati darba biss għal kull vjaġġ osservat, u għandhom jiġu rrapportati b'mod li jorbot id-*data* tal-bastiment mad-*data* meħtieġa fit-Taqsimiet A, B, C, u D.

A. *Id-data tal-bastiment u tal-osservatur li għandha tingħabar għal kull vjaġġ osservat*

1. Id-*data* tal-bastiment li ġejja għandha tingħabar għal kull vjaġġ osservat:

(a) Il-bandiera attwali tal-bastiment

(b) Isem il-bastiment

(c) Isem il-kaptan tal-bastiment

(d) Isem il-kaptan tas-sajd

(e) In-numru tar-reġistrazzjoni

(f) IRCS (jekk disponibbli)

(g) In-numru tal-Lloyd's/tal-OMI (jekk allokat)

(h) Ismijiet preċedenti (jekk huma magħrufa)

(i) Il-port tar-reġistrazzjoni

(j) Il-bandiera preċedenti (jekk kien hemm)

(k) It-tip ta' bastiment (uża l-kodiċijiet ISSCFV xierqa)

(l) It-tip ta' metodu jew metodi ta' sajd (uża l-kodiċijiet ISSCFG xierqa)

(m) Tul (m)

(n) Tip ta' tul eż. “LOA”, “LBP”

(o) Ir-raġġ (m)

(p) Tunnellaġġ gross — GT (li għandu jingħata bħala l-unità preferuta tat-tunnellaġġ)

(q) Tunnellaġġ Gross Irreġistrat — GRT (li għandu jingħata jekk il-GT ma jkunx disponibbli; jista' jingħata wkoll flimkien mal-GT)

(r) Is-saħħa tal-magna jew magni ewlenin (kilowatts)

(s) Il-kapaċità tal-istiva (metri kubi)

(t) Rekord tal-apparat abbord li jista' jaffettwa l-fatturi tas-saħħa tas-sajd (l-apparat tan-navigazzjoni, ir-radar, is-sistemi tas-sonar, ir-riċevituri tat-temp bil-faks jew bis-satellita, ir-riċevitur tal-immaġini tat-temperatura tas-superfiċje tal-baħar, il-monitor tal-kurrent Doppler, is-sonda tad-direzzjoni tar-radju), fejn ikun prattiku

(u) In-numru totali tal-ekwipaġġ (il-persunal kollu, eskluż l-osservaturi)

▼B

2. Id-*data* tal-osservatur li ġejja għandha tinġabar għal kull vjaġġ osservat:

(a) L-isem tal-osservatur

(b) L-organizzazzjoni tal-osservatur

(c) Id-data tal-imbark tal-osservatur (id-data UTC)

(d) Il-port tal-imbark

(e) Id-data tal-iżbark tal-osservatur (id-data UTC)

(f) Il-port tal-iżbark

B. *Id-data dwar il-qabdiet u l-isforz li għandha tinġabar għall-attività tas-sajd bit-tkarkir*

1. Id-*data* għandha tinġabar fuq bażi diżaggregata (irmonk b'irmonk) għat-tkarkir kollu osservat.

2. Id-*data* li ġejja għandha tinġabar għal kull kalar tax-xbieki tat-tkarkir:

(a) Id-data u l-ħin tal-bidu tal-kalar tax-xbieki bit-tkarkir (il-ħin li fih l-irkaptu jibda jistad — UTC)

(b) Id-data u l-ħin tat-tmiem tal-kalar tax-xbieki bit-tkarkir (il-ħin li fih jibdew jittellgħu x-xbieki — UTC)

(c) Il-pożizzjoni fil-bidu tat-tkarkir (Lat/Lon, riżoluzzjoni ta' minuta — deċimali)

(d) Il-pożizzjoni fi tmiem it-tkarkir (Lat/Lon, riżoluzzjoni ta' minuta — deċimali)

(e) L-ispeċijiet fil-mira maħsuba (kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)

(f) It-tip ta' tkarkir, tal-qiegħ jew pelaġiku (uża l-kodiċijiet xierqa għat-tkarkir tal-qiegħ jew pelaġiku mill-istandard tal-ISCCFG għall-istandards għat-tagħmir tas-sajd)

(g) It-tip ta' xbieki tat-tkarkir: singoli, doppji, jew tripli (S, D jew T)

(h) L-għoli tal-ftuħ tax-xbieki

(i) Il-wisgħa tal-ftuħ tax-xbieki

(j) Id-daqs tal-malja tax-xibka tal-manka (malja mġebbda, mm) u t-tip ta' malja (djamant, kwadru, eċċ)

(k) Il-fond tal-irkaptu (tal-kalament taċ-ċomb) fil-bidu tas-sajd

(l) Il-fond tal-qiegħ (qiegħ il-baħar) fil-bidu tas-sajd

(m) Il-qabda stmata tal-ispeċijiet kollha (il-kodiċi tal-ispeċijiet FAO) miżmuma abbord, maqsuma skont l-ispeċijiet, f'piż ħaj (sal-eqreb kg)

(n) Inqabdu xi mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-għadd, skont l-ispeċi, ta' mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess li nqabdu.

▼B

(o) Kien hemm xi materjal tal-qiegħ fix-xbieki? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-ispeċijiet tal-qiegħ sensittivi fil-qabda tax-xbieki tat-tkarkir, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw il-ħabitats bħall-isponoż, is-sea-fans jew il-qroll.

(p) L-ammont stmat (piż jew volum) ta' riżorsi marini li għad fadal li ma ġewx irreġistrati taħt il-punt (m), (n) jew (o) li ġew mormija, maqsum sal-iċken unità tassonomika magħrufa

(q) Irreġistra kwalunkwe miżura meħuda biex jiġi mitigat il-qbid aċċessorju:

(i) Intużaw lettijiet (tori) bin-naffara tal-għasafar? (xejn/kodiċi tal-apparat — kif deskritt fit-Taqsima L)

(ii) Intużaw purtieri li jfixklu lill-għasafar? (xejn/kodiċi tal-apparat — kif deskritt fit-Taqsima N)

(iii) Iddeskrivi l-ġestjoni tar-rimi tal-ġewwieni/tal-iskart fis-seħħ (agħżel dawk kollha li japplikaw: ebda rimi matul il-kalar u l-irfigħ/rimi ta' likwidu biss/ġbir tal-iskart f'lottijiet > sagħtejn/ieħor/ebda rimi)

(iv) Kien hemm miżuri oħrajn li ntużaw biex titnaqqas il-qabda aċċessorja ta' mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le)

Jekk iva, iddeskrivi.

C. *Data dwar il-qabdiet u l-isforz li għandha tinġabar għall-attività tas-sajd bit-tartarun tal-borża*

1. Id-*data* għandha tinġabar fuq bażi diżaggregata (sett b'sett) għas-settijiet tat-tartarun tal-borża kollha osservati

2. Id-*data* li ġejja għandha tinġabar għal kull sett tat-tartarun tal-borża osservat:

(a) Il-ħin tat-tfittxija totali qabel dan is-sett, mill-aħħar sett

(b) Id-data u l-ħin tal-bidu tas-sett (il-ħin li fih l-irkaptu jibda jistad — UTC)

(c) Id-data u l-ħin tat-tmiem tas-sett (il-ħin li fih jibdew jittellgħu x-xbieki — UTC)

(d) Il-pożizzjoni tal-bidu tas-sett (Lat/Lon, riżoluzzjoni ta' minuta — deċimali)

(e) It-tul tax-xbieki (m)

(f) L-għoli tax-xbieki (m)

(g) Id-daqs tal-malja tax-xbieki (malja mġebbda, mm) u t-tip ta' malja (djamant, kwadru, eċċ)

(h) L-ispeċijiet fil-mira maħsuba (kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)

(i) Il-qabda stmata tal-ispeċijiet kollha (il-kodiċi tal-ispeċijiet FAO) miżmuma abbord, maqsuma skont l-ispeċijiet, f'piż ħaj (sal-eqreb kg)

▼B

(j) Inqabdu xi mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-għadd, skont l-ispeċi, ta' mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħra ta' interess li nqabdu.

(k) Kien hemm xi materjal tal-qiegħ fix-xibka? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-ispeċijiet tal-qiegħ sensittivi fil-qabda, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw il-ħabitats bħall-isponoż, is-sea-fans jew il-qroll.

(l) L-ammont stmat (piż jew volum) ta' riżorsi marini li għad fadal li ma ġewx irreġistrati taħt il-punt (i), (j) jew (k) li ġew mormija, maqsum sal-iktar unità tassonomika baxxa magħrufa

(m) Irreġistra u ddeskrivi kwalunkwe miżura li ntużat biex jiġi mitigat il-qbid aċċessorju

D. *Data dwar il-qabdiet u l-isforz li għandha tinġabar għall-attività tas-sajd bil-konz tal-qiegħ*

1. Id-*data* għandha tinġabar fuq bażi diżaggregata (sett b'sett) għall-konzijiet kollha osservati.

2. L-entrati tad-*data* li ġejjin għandhom jinġabru għal kull sett osservat:

(a) Id-data u l-ħin tal-bidu tas-sett (il-format UTC)

(b) Id-data u l-ħin tat-tmiem tas-sett (il-format UTC)

(c) Il-pożizzjoni tal-bidu tas-sett (Lat/Lon, ir-riżoluzzjoni ta' minuta — il-format deċimali)

(d) Il-pożizzjoni tat-tmiem tas-sett (Lat/Lon, ir-riżoluzzjoni ta' minuta — il-format deċimali)

(e) L-ispeċijiet fil-mira maħsuba (kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)

(f) Tul totali ta' konz issettjat (km)

(g) L-għadd ta' snanar għas-sett

(h) Il-fond tal-qiegħ (qiegħ il-baħar) fil-bidu tas-sett

(i) L-għadd ta' snanar osservat effettivament (inkluż għall-mammiferi tal-baħar, it-tajr tal-baħar, ir-rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess maqbuda) matul l-irmonk

(j) Il-qabda stmata tal-ispeċijiet kollha (il-kodiċi tal-ispeċijiet FAO) miżmuma abbord, maqsuma skont l-ispeċijiet, f'piż ħaj (sal-eqreb kilo)

(k) Inqabdu xi mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-għadd, skont l-ispeċi, ta' mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess li nqabdu.

▼B

(l) Kien hemm xi materjal tal-qiegħ fil-qabda? (Iva/Le/Mhux Magħruf)

Jekk iva, irreġistra l-ispeċijiet tal-qiegħ sensittivi fil-qabda, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw il-ħabitats bħall-isponoż, is-sea-fans jew il-qroll.

(m) L-ammont stmat (piż jew volum) ta' riżorsi marini li għad fadal li ma ġewx irreġistrati taħt il-punt (j), (k) jew (l) li ġew mormija, maqsum sal-iċken unità tassonomika magħrufa

(n) Irreġistra kwalunkwe miżura li ntużat biex jiġi mitigat il-qbid aċċessorju:

(i) Intużaw lettijiet (tori) bin-naffara tal-għasafar? (xejn/kodiċi tal-apparat — kif deskritt fit-Taqsima L)

(ii) L-issettjar kien ristrett għall-ħin ta' bejn l-għabex nawtiku u ż-żerniq nawtiku? (Iva/Le)

(iii) X'tip ta' rkaptu tas-sajd intuża? (piżijiet mal-lett esterni/piżijiet mal-lett interni/linja tat-trot/ieħor)

(iv) Jekk piżijiet mal-lett esterni, iddeskrivi r-reġim tal-piżijiet u l-kaprajjes (bl-użu tal-formola pprovduta fit-Taqsima M)

(v) Jekk piżijiet mal-lett interni, x'inhuwa l-piż tal-qafas tal-lett (grammi għal kull metru)?

(vi) Jekk linja tat-trot, intużaw xbieki tal-cachalotera? (Iva/Le)

(vii) Jekk oħrajn, iddeskrivi

(o) X'mitigazzjoni tal-irfigħ intużat? (purtieri ta' deterrent għall-għasfar/oħrajn/xejn)

Jekk oħrajn, iddeskrivi

(p) X'kien it-tip ta' lixka? (ħut/klamar/imħallta; ħajja/mejta/imħallta; iffriżata/imniżżla mill-friża/imħallta)

(q) Iddeskrivi r-rimi ta' kwalunkwe materjal bijoloġiku matul il-kalar u l-irfigħ (ir-rimi mhux imqiegħed f'lottijiet għal sagħtejn jew aktar/ir-rimi mqiegħed f'lottijiet għal sagħtejn jew aktar/xejn/mhux magħruf)

(r) Kien hemm miżuri oħrajn li ntużaw biex titnaqqas il-qabda aċċessorja ta' mammiferi tal-baħar, tajr tal-baħar, rettili tal-baħar jew speċijiet oħrajn ta' interess? (Iva/Le)

Jekk iva, iddeskrivi.

▼B

E. *Data dwar tul-frekwenza li għandha tinġabar*

Id-*data* rappreżentattiva u kampjunata b'mod aleatorju dwar tul-frekwenza għandha tinġabar għall-ispeċijiet fil-mira u, jekk jippermetti l-ħin, għal speċijiet ewlenin oħrajn tal-qabdiet aċċessorji. Id-*data* dwar it-tul għandha tinġabar u tiġi rreġistrata fl-iktar livell preċiż xieraq għall-ispeċi (cm jew mm u jekk hux imqarrba lejn l-eqreb unità jew lejn l-inqas unità) u t-tip ta' kejl użat (it-tul totali, it-tul tal-furketta, jew it-tul standard) għandu jiġi rreġistrat ukoll. Jekk ikun possibbli, il-piż totali tal-kampjuni tul-frekwenza għandu jiġi rreġistrat, jew inkella stmat filwaqt li jiġi rreġistrat il-metodu tal-istima, u l-osservaturi jistgħu jintalbu jiddeterminaw is-sess tal-ħuta mkejla sabiex tiġi ġġenerata d-*data* dwar tul-frekwenza stratifikata skont is-sess.

1. Il-protokoll ta' kampjunar kummerċjali

(a) Speċijiet ta' ħut minbarra rebekkini, raj u klieb il-baħar:

(i) it-tul tal-furketta għandu jitkejjel sal-eqreb cm għall-ħut li jikseb tul massimu ta' aktar minn tul tal-furketta ta' 40 cm

(ii) it-tul tal-furketta għandu jitkejjel sal-eqreb mm għall-ħut li jikseb tul massimu ta' inqas minn 40 cm għat-tul tal-furketta;

(b) Rebekkini u raj:

Għandha titkejjel il-wisa' massima tad-disku;

(c) Klieb il-baħar:

Għandu jintgħażel kejl tat-tul xieraq għal kull speċi (ara r-rapport tekniku 474 tal-FAO dwar il-kejl tal-klieb il-baħar). B'mod prestabbilit, għandu jitkejjel it-tul totali.

2. Il-protokoll ta' kampjunar xjentifiku

Għall-kampjunar ta' speċijiet xjentifiku, jista' jkun meħtieġ li l-kejl tat-tul isir f'riżoluzzjoni aktar fina minn dik speċifikata fil-punt 1.

F. *Il-kampjunar bijoloġiku li għandu jitwettaq*

1. Id-*data* bijoloġika li ġejja għandha tinġabar għall-kampjuni rappreżentattivi tal-ispeċi fil-mira ewlenija u, jekk il-ħin jippermetti, għal speċijiet oħrajn ewlenin fil-qabda aċċessorja li jikkontribwixxu għall-qabda:

(a) Speċi

(b) Tul (mm jew cm), flimkien ma' rekord tat-tip ta' kejl tat-tul użat. Il-preċiżjoni u t-tip tal-kejl għandhom jiġu determinati fuq bażi ta' speċi bi speċi konsistenti ma' dik iddefinita fit-Taqsima E

(c) Sess (maskil, femminil, immatur, mingħajr sess)

(d) Stadju tal-maturità

2. L-osservaturi għandhom jiġbru kampjuni tat-tessut, otolit u/jew kampjuni mill-istonku skont programmi ta' riċerka speċifiċi determinati minn qabel u implimentati mill-Kumitat Xjentifiku tal-SPRFMO jew riċerka xjentifika nazzjonali oħra.

3. L-osservaturi għandhom jiġu mgħarrfa u jingħataw protokolli bil-miktub tal-kampjunar tul-frekwenza u bijoloġiku, fejn ikun xieraq, u l-prijoritajiet għall-kampjunar imsemmi hawn fuq speċifiċi għal kull vjaġġ tal-osservatur.

▼B

G. *Id-data li għandha tinġabar dwar il-qabdiet aċċessorji ta' tjur tal-baħar, mammiferi, fkieren u speċijiet oħra ta' interess*

1. Id-*data* li ġejja għandha tinġabar għat-tajr tal-baħar, mammiferi, rettili (fkieren) u speċijiet oħrajn ta' interess kollha maqbuda fl-operazzjonijiet tas-sajd:

   (a) L-ispeċijiet (identifikati bit-tassonomija sa fejn ikun possibbli, jew akkumpanjati minn ritratti jekk l-identifikazzjoni tkun diffiċli) u d-daqs

   (b) L-għadd ta' kull speċi maqbuda għal kull tkarkira jew sett

   (c) Destin tal-annimali tal-qabda aċċessorja (miżmuma jew rilaxxati/-mormija)

   (d) Jekk ġew rilaxxati, l-istat tal-ħajja (vigoruż, ħajja, letarġiċi, mejtin) fil-waqt tar-rilaxx

   (e) Jekk kienu mejtin, iġbor informazzjoni jew kampjuni adegwati għall-identifikazzjoni fuq l-art b'konformità mal-protokolli ta' kampjunar determinati minn qabel. Fejn dan ma jkunx possibbli, l-osservaturi jistgħu jiġu mitluba jiġbru sottokampjuni ta' partijiet ta' identifikazzjoni, kif speċifikat fil-protokolli ta' kampjunar bijoloġiku

   (f) Irreġistra t-tip ta' interazzjoni (sunnara/tħabbil fil-ħbula/warp strike/qbid fix-xbieki/oħra)

   Fil-każ ta' interazzjoni oħra, ipprovdi deskrizzjoni.

2. Irreġistra s-sess ta' kull individwu għal kull gruppi tassonomiċi fejn dan ikun fattibbli mill-osservazzjoni esterna, bħall-pinnipedi, iċ-ċetaċji żgħar jew Elasmobranchii u speċijiet oħrajn ta' interess.

3. Kien hemm ċirkostanzi jew azzjonijiet li setgħu kkontribwixxew għall-avveniment ta' qabda aċċessorja? (pereżempju tħabbil tal-linja tori, livelli għoljin ta' telf tal-lixkiet).

H. *Id-detezzjoni tas-sajd f'assoċjazzjoni ma' EMVs*

Għal kull tkarkir osservat, id-*data* li ġejja għandha tinġabar għall-ispeċijiet tal-qiegħ sensittivi kollha li nqabdu, b'mod partikolari l-ispeċijiet vulnerabbli jew li jiffurmaw ħabitats bħall-isponoż, is-sea-fans, jew il-qroll:

(a) L-ispeċijiet (identifikati bit-tassonomija sa fejn ikun possibbli, jew akkumpanjati minn ritratt jekk l-identifikazzjoni tkun diffiċli);

(b) Kwantità stmata (piż (kilos) jew volum (m^3)) ta' kull speċi tal-qiegħ li tkun inqabdet bit-tkarkir;

(c) Stima ġenerali tal-kwantità totali (piż (kilos) jew volum (m^3)) tal-ispeċijiet tal-qiegħ kollha li nqabdu bit-tkarkir;

(d) Fejn ikun possibbli, u b'mod partikolari għall-ispeċijiet tal-qiegħ ġodda jew skarsi li ma jidhrux fil-gwidi għall-identifikazzjoni ta' speċi, għandhom jinġabru kampjuni sħaħ, li għandhom jiġu ppreżervati b'mod xieraq għall-identifikazzjoni fuq l-art.

▼B

I. *Id-data li għandha tinġabar għal kull irkupru ta' identifikazzjonijiet*

Id-*data* li ġejja għandha tinġabar għall-identifikazzjonijiet kollha rkuprati ta' ħut, tajr tal-baħar, mammiferi jew rettili jekk l-organiżmu jkun mejjet, jew għandu jinżamm, jew ikun ħaj:

(a) Isem tal-osservatur

(b) Isem tal-bastiment

(c) Sinjal tas-sejħa tal-bastiment

(d) Bandiera tal-bastiment

(e) Iġbor, ittikketta (bid-dettalji kollha ta' hawn isfel) u aħżen l-identifikazzjonijiet infushom, sabiex aktar tard jingħataw lura lill-aġenzija responsabbli mill-identifikazzjoni

(f) L-ispeċi li minnha ġiet irkuprata l-identifikazzjoni

(g) Il-kulur u t-tip tal-identifikazzjoni (spaghetti, arkivjali)

(h) In-numri tal-identifikazzjonijiet (In-numru tal-identifikazzjoni għandu jingħata għall-identifikazzjonijiet kollha f'każ li ħuta waħda kellha diversi identifikazzjonijiet. Jekk ġiet irreġistrata identifikazzjoni waħda biss, hija meħtieġa dikjarazzjoni li tispeċifika jekk l-identifikazzjoni l-oħra kinitx nieqsa jew le). Jekk l-organiżmu huwa ħaj u se jiġi rilaxxat, l-informazzjoni tal-identifikazzjoni għandha tinġabar b'konformità ma' protokolli tal-kampjunar determinati minn qabel.

(i) Id-data u l-ħin tal-qbid (UTC)

(j) Il-post tal-qbid (Lat/Lon, sal-eqreb minuta)

(k) It-tul/id-daqs tal-annimal, f'ċentimetri jew millimetri, b'deskrizzjoni ta' liema kejl ittieħed (bħat-tul totali, it-tul tal-furketta, eċċ.). Il-kejl tat-tul għandu jinġabar skont il-kriterji definiti fit-Taqsima E.

(l) Sess (F = femminili, M = maskili, I = Indeterminat, D = mhux eżaminat)

(m) Jekk l-identifikazzjonijiet instabux matul perjodu ta' sajd li kien qiegħed jiġi osservat (Iva/Le)

(n) Informazzjoni dwar il-premju (eż. l-isem u l-indirizz fejn għandu jintbagħat il-premju)

(Huwa rikonoxxut li parti mid-*data* rreġistrata hawnhekk hija *data* li diġà teżisti fil-kategoriji preċedenti tal-informazzjoni. Dan huwa neċessarju minħabba li l-informazzjoni dwar l-irkupru tal-identifikazzjoni tista' tintbagħat separatament minn *data* oħra tal-osservaturi.)

J. *Il-ġerarkiji għall-ġbir tad-data tal-osservaturi*

1. Peress li ġie rikonoxxut li l-osservaturi mhux bilfors ikunu jistgħu jiġbru d-*data* kollha deskritta f'dawn l-istandards f'kull vjaġġ, għandha tiġi implimentata ġerarkija tal-prijoritajiet għall-ġbir tad-*data* tal-osservaturi. Il-prijoritajiet tal-kompiti tal-osservatur speċifiċi għall-vjaġġ jew għall-programm jistgħu jiġu żviluppati b'rispons għar-rekwiżiti ta' programm tar-riċerka speċifiċi, f'liema każ l-osservaturi għandhom isegwu tali prijoritajiet.

▼B

2. Fin-nuqqas ta' prijoritajiet speċifiċi għall-vjaġġ jew għall-programm, l-osservaturi għandhom isegwu l-prijoritajiet ġeneralizzati li ġejjin:

(a) Informazzjoni dwar l-Operazzjoni tas-Sajd

L-informazzjoni kollha dwar il-bastiment u dwar it-tkarkir/is-sett/l-isforz

(b) Rappurtar tal-Qabdiet

(i) Irreġistra l-ħin, u l-piż tal-qabda kkampjunata meta mqabbla mal-qabda jew l-isforz totali (pereżempju n-numru ta' snanar) u n-numri totali ta' kull speċi maqbuda

(ii) L-identifikazzjoni u l-għadd ta' tajr tal-baħar, mammiferi, rettili (fkieren), speċijiet tal-qiegħ sensittivi u speċijiet vulnerabbli

(iii) Irreġistra n-numri jew il-piżijiet ta' kull speċi miżmuma jew mormija

(iv) Irreġistra l-każijiet ta' ħtif, fejn ikun xieraq

(c) Kampjunar Bijoloġiku

(i) Iċċekkja għall-preżenza ta' identifikazzjonijiet

(ii) *Data* ta' tul-frekwenza għall-ispeċijiet fil-mira

(iii) *Data* bijoloġika bażika (sess, maturità) għall-ispeċijiet fil-mira

(iv) *Data* ta' tul-frekwenza għall-ispeċijiet ewlenin tal-qabda aċċessorja

(v) Otoliti (u kampjuni mill-istonku, jekk ikunu qegħdin jinġabru) għall-ispeċijiet fil-mira

(vi) *Data* bijoloġika bażika għall-ispeċijiet tal-qabda aċċessorja

(vii) Kampjuni bijoloġiċi tal-ispeċijiet tal-qabda aċċessorja (jekk ikunu qegħdin jinġabru)

(viii) Ħu ritratti

(d) Ir-rapportar tal-qabdiet u l-proċeduri tal-kampjunar bijoloġiku għandhom jingħataw prijorità fost il-gruppi ta' speċijiet kif ġej:

Speċijiet	Il-prijorità (1 huwa l-ogħla)
L-ispeċijiet primarji fil-mira (bħas-sawrell taċ-Ċilì, għas-sajd pelaġiku, u l-mera tal-Atlantiku għas-sajd demersali)	1
Tjur tal-baħar, mammiferi, rettili (fkieren) jew speċijiet oħrajn ta' interess	2

▼B

Speċijiet	Il-prijorità (1 huwa l-ogħla)
Speċijiet oħrajn ġeneralment fost l-ogħla 5 fis-sajd (bħas-sawrella kaħla għas-sajd pelaġiku, u l-oreos u l-fonsa ħamra għas-sajd demersali)	3
L-ispeċijiet l-oħra kollha	4

L-allokazzjoni tal-isforz tal-osservatur fost dawn l-attivitajiet se tiddependi fuq it-tip ta' operazzjoni u ssettjar. Id-daqs tas-sottokampjuni bħala parti mill-kwantità mhux osservata (bħal pereżempju l-għadd ta' snanar eżaminati għall-kompożizzjoni tal-ispeċijiet bħala parti mill-għadd ta' snanar imqiegħda) għandu jiġi rreġistrat b'mod espliċitu bil-gwida tal-programmi tal-osservaturi tal-Istati Membri.

K. *L-ispeċifikazzjonijiet tal-ikkowdjar li għandhom jintużaw għar-reġistrazzjoni tad-data tal-osservaturi*

1. Sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor għat-tipi ta' *data* speċifika, id-*data* tal-osservaturi għandha tiġi pprovduta b'konformità mal-istess speċifikazzjonijiet tal-ikkowdjar kif speċifikat f'din it-taqsima.

2. Il-Ħin Universali Koordinat (UTC) għandu jintuża biex jiġu deskritti l-ħinijiet.

3. Il-gradi deċimali għandhom jintużaw biex jiġu deskritti l-postijiet.

4. L-iskemi ta' kkowdjar li ġejjin għandhom jintużaw:

(a) l-ispeċijiet għandhom jiġu deskritti bl-użu tal-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO bi tliet ittri;

(b) il-metodi tas-sajd għandhom jiġu deskritti bl-użu tal-kodiċijiet tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Irkaptu tas-Sajd (ISSCFG — 29 ta' Lulju 1980);

(c) it-tipi ta' bastiment tas-sajd għandhom jiġu deskritti skont il-kodiċijiet tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Bastimenti tas-Sajd (ISSCFV).

5. Għandhom jintużaw l-unitajiet metriċi tal-kejl, speċifikament:

(a) il-kilogrammi għandhom jintużaw biex jiġi deskritt il-piż tal-qabda;


(b) il-metri għandhom jintużaw biex jiġu deskritti l-għoli, il-wisgħa, il-fond, ir-raġġ jew it-tul;

(c) il-metri kubi għandhom jintużaw biex jiġi deskritt il-volum;

(d) il-kilowatts għandhom jintużaw biex tiġi deskritta s-saħħa tal-magna.

▼B

L. *Il-formola tad-deskrizzjoni tal-lettijiet bin-naffara*



▼B

KODIĊIJIET TAL-LETTIJIET BIN-NAFFARA/OPZJONIJIET TAL-LISTA:


Pożizzjoni	Disinn	Oġġett Irmunkat	Materjal	Kulur
Bord ix-Xellug	Singolu	F = Lenbut invertit/kon tal-plastik	T = Tubu tal-plastik	P = Roża
Bord il-Lemin	Akkoppjat	L = Tul tal-arblu l-oħxon	S = Ċintorin tal-plastik	R = Aħmar
Poppa		K = Ċoff jew ħolqa ta' linja ħoxna	O = Oħrajn	C = Karrotta (Oranġjo)
		B = Baga		Y = Isfar
		N = Baga f'xibka		G = Aħdar
		S = Xkora jew basket		B = Blu
		W = Piż		W = Kannella
		Z = Ebda oġġett irmunkat		F = Kulur skulurit (kwalunkwe kulur)
		O = Oħrajn		O = Oħrajn

Sommarju tal-valuri mdaħħla:

Numru tal-vjaġġ	Distanza bejn strixxa u oħra
Kodiċi tal-apparat tal-lett bin-naffara tal-għasafar	Tul tal-istrixxi (minimu)
Pożizzjoni tal-lett bin-naffara tal-għasafar	Tul tal-istrixxi (massimu)
Tul	Kulur tal-istrixxi
Tul tal-kopertura mill-ajru tal-lett bin-naffara tal-għasafar (m)	Materjal tal-istrixxi
L-għoli 'l fuq mill-ilma	Għadd ta' strixxi
Materjal tal-lett bin-naffara tal-għasafar	Oġġett irmonkat
Disinn tal-lett bin-naffara tal-għasafar: (Id-disinn muri juri pari)	Kummenti addizzjonali

▼B

M. *Formola tad-deskrizzjoni tal-piżijiet tal-lett esterni*




02018R0975 — MT — 01.10.2025 — 002.001 — 48

▼B

Sommarju tal-valuri mdaħħla:	
Lett Singolu jew Doppju?	Għadd ta' snanar bejn il-baga tal-wiċċ u l-ankra
Massa medja tal-piżijiet	Għadd ta' snanar bejn il-bagi ta' taħt il-wiċċ
Distanza bejn il-baga ta' taħt il-wiċċ u l-lett prinċipali	Għadd ta' snanar bejn il-piżijiet
Distanza bejn il-lett u l-piż	Kummenti addizzjonali

▼B

N. *Formola ta' deskrizzjoni tal-purtiera li tfixkel lill-għasafar*



▼B

Sommarju tal-Valuri Mdaħħla	
— Distanza mill-Poppa	
Boma tal-ġenb	Boma ta' wara
— Tul tal-boma	— Tul tal-boma
— Għadd ta' strixxi	— Għadd ta' strixxi
— Distanza medja bejn l-istrixxi	— Distanza medja bejn l-istrixxi
— Għoli 'l fuq mill-ilma	— Għoli 'l fuq mill-ilma
— Kulur tal-istrixxi	— Kulur tal-istrixxa
— Materjal tal-istrixxi	— Materjal tal-istrixxi
Purtiera tal-ġenb ta' wara	Purtiera ta' wara
— Tul tal-purtiera	— Tul tal-purtiera
— Għadd ta' strixxi	— Għadd ta' strixxi
— Distanza medja bejn l-istrixxi	— Distanza medja bejn l-istrixxi
— Għoli 'l fuq mill-ilma	— Għoli 'l fuq mill-ilma
— Kulur tal-istrixxi	— Kulur tal-istrixxa
— Materjal tal-istrixxi	— Materjal tal-istrixxi

O. *L-istandard għad-data tal-osservaturi miġbura waqt il-ħatt l-art jew waqt li bastiment jinsab fil-port*

Fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom, u li jħottu l-art speċijiet mhux ipproċessati (jiġifieri sħaħ u mingħajr ma tkun tneħħiet l-ebda parti mill-ħut) ġestiti mill-SPRFMO, u fejn dan il-ħatt l-art jiġi osservat, l-Istati Membri jistgħu jiġbru u jipprovdu l-informazzjoni li ġejja:

1. Id-*data* li ġejja dwar il-bastiment, għal kull ħatt l-art osservat:

(a) Il-bandiera attwali tal-bastiment

(b) Isem il-bastiment

(c) In-numru tar-reġistrazzjoni tal-bastiment tas-sajd

(d) IRCS (jekk disponibbli)

(e) In-numru tal-Lloyd's/tal-OMI (jekk allokat)

(f) It-tip ta' bastiment (uża l-kodiċijiet ISSCFV xierqa)

(g) It-tip ta' metodu jew metodi ta' sajd (uża l-kodiċijiet ISSCFG xierqa)

▼B

2. Id-*data* li ġejja dwar l-osservatur, għal kull ħatt l-art osservat:

   (a) Isem l-osservatur

   (b) L-organizzazzjoni tal-osservatur

   (c) Il-pajjiż tal-ħatt l-art (il-kodiċijiet tal-pajjiż ISO 3-alpha standard)

   (d) Port/Punt tal-ħatt l-art

3. Id-*data* li ġejja għal kull ħatt l-art osservat:

   (a) Id-data u l-ħin tal-ħatt l-art (format UTC)

   (b) L-ewwel jum tal-vjaġġ — sal-punt prattikabbli

   (c) L-aħħar jum tal-vjaġġ — sal-punt prattikabbli

   (d) Iż-żona indikattiva tas-sajd (deċimali Lat/Lonġ, ir-riżoluzzjoni ta' minuta — sal-punt prattikabbli)

   (e) L-ispeċijiet ewlenin fil-mira (il-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)

   (f) L-istat tal-ħatt l-art skont l-ispeċijiet (il-kodiċi tal-ispeċijiet tal-FAO)

   (g) Il-piż (ħaj) li nħatt l-art skont l-ispeċi, f'kilogrammi, għall-avveniment tal-ħatt l-art li qiegħed jiġi osservat

Barra minn hekk, il-ġbir ta' *data* tul-frekwenza, *data* bijoloġika u/jew *data* dwar l-irkupru tal-identifikazzjonijiet għandha ssegwi l-istandards deskritti fit-Taqsimiet E, F u I rispettivament ta' dan l-Anness, għal dawk l-ispeċijiet osservati matul il-ħatt l-art jew waqt li bastiment ikun fil-port.

It-Taqsimiet G (il-qabda aċċessorja) u H (EMVs) mhumiex meqjusa rilevanti għall-ħatt l-art osservat. Madankollu, l-istandards deskritti fit-Taqsimiet I (Irkupru tal-identifikazzjonijiet), J (Ġerarkiji) u K (Speċifikazzjonijiet tal-ikkowdjar) xorta waħda għandhom jiġu segwiti fejn applikabbli.

▼**M1**

ANNESS XI

Talba għal waqfa fil-port

1. Informazzjoni dwar il-waqfa fil-port

Port tal-waqfa	L-aħħar port	Data tal-aħħar waqfa fil-port

2. Identifikazzjoni tal-bastiment

Isem il-bastiment	Bandiera tal-bastiment	Numru OMI	Sinjal tas-sejħa	Marki ta' identifikazzjoni esterni
Tip ta' bastiment	Informazzjoni ta' kuntatt tal-bastiment	Sid(ien) il-bastiment	ID tal-organizzazzjoni reġjonali tas-sajd (jekk applikabbli)	ID taċ-ċertifikat tar-reġistru

3. VMS

Il-VMS hija operattiva?	Il-VMS qed tirrapporta liċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd nazzjonali?	Il-VMS qed tirrapporta lill-SPRFMO?
Tip		

4. Dimensjonijiet tal-bastiment

Tul	Travu	Pixka (Fond iffurmat)

5. Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

Isem il-kaptan tal-bastiment	Nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment

6. Awtorizzazzjoni(jiet) rilevanti tat-trażbord

Identifikatur	Maħruġa minn	Dati tal-validità

▼**M1**

7. Informazzjoni dwar it-trażbord (rigward il-bastimenti donaturi)

Data	Post (Latitudni/ lonġitudni)	Isem il-bastiment donatur	Stat tal-bandiera tal-bastiment donatur	Numru OMI	Speċijiet	Stat tal-prodott	Żona tal-qbid tal-FAO	Kwantità (kg)

8. Dettalji tal-waqfa fil-port

Port tal-waqfa intenzjonat ([1])	Stat tal-port	Skop ([2]) tal-waqfa fil-port	Data stmata tal-wasla	Ħin stmat tal-wasla	Data attwali

([1]) Għandu jkun port iddeżinjat kif elenkat fir-reġistru tal-portijiet tal-SPRFMO.
([2]) Eż. ħatt l-art, trażbord, riforniment tal-fjuwil.

9. Speċijiet ġestiti mill-SPRFMO miżmuma abbord

Speċijiet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Total ta' kilogrammi miżmuma abbord *(stima)*	Ammont li għandu jiġi trażbordat jew li għandu jinħatt l-art *(stima)*	Riċevitur tal-ammont trażbordat jew li nħatt l-art

Jekk l-ebda speċi ġestita mill-SPRFMO u/jew l-ebda prodott tal-ħut li jorigina minn dawn l-ispeċijiet ma jinżammu abbord, daħħal "xejn".

▼**M1**

10. Dettalji rilevanti dwar l-awtorizzazzjoni tas-sajd

Identifikatur	Maħruġa minn	Validità	Żona/i tas-sajd	Speċijiet	Irkaptu ([1])
L-awtorizzazzjoni tas-sajd tindika l-limitu tal-qbid tal-bastiment għal kull speċi (Iva/Le)		Speċijiet		Limitu tal-qbid tal-bastiment għal kull speċi ([2])	

([1]) Jekk l-awtorizzazzjoni hija limitata għat-trażbord, allura mmarka “trażbord” bħala l-irkaptu.
([2]) Jekk l-awtorizzazzjoni ma tindikax il-limitu tal-qbid tal-bastiment, daħħal “mhux applikabbli”.

11. Lista tal-ekwipaġġ

Mehmuża kopja tal-lista tal-ekwipaġġ? Iva/Le

▼**M1**

ANNESS XII

Rapport dwar l-ispezzjonijiet tal-portijiet

1. Dettalji tal-ispezzjoni

Numru tar-rapport dwar l-ispezzjonijiet			
Isem l-ispettur prinċipali			
Stat tal-port		Awtorità tal-ispezzjoni	
Port tal-ispezzjoni		Skop tal-waqfa	
Data tal-bidu tal-ispezzjoni		Ħin tal-bidu tal-ispezzjoni	
Data tat-tmiem tal-ispezzjoni		Ħin tat-tmiem tal-ispezzjoni	
Waslet notifika minn qabel?	Iva/Le	Id-dettalji tan-notifika minn qabel huma konsistenti mal-ispezzjoni?	Iva/Le

2. Dettalji tal-bastiment

Isem il-bastiment		Bandiera tal-bastiment	
Tip ta' bastiment		IRCS	
Marki ta' identifikazzjoni esterni		Numru OMI	
Sid il-bastiment			
Sid(ien) benefiċjarju/i tal-bastiment *(jekk magħruf u jekk huwa differenti minn sid il-bastiment)*			
Operatur tal-bastiment			
Isem u nazzjonalità tal-kaptan tal-bastiment			
Aġent tal-bastiment			
Preżenza ta' VMS	Iva/Le	Tip ta' VMS	

3. Awtorizzazzjonijiet rilevanti tas-sajd

Identifikatur tal-awtorizzazzjoni		Maħruġa minn	
Validità		Żoni tas-sajd	

▼**M1**

Speċifiċjet		Irkaptu ([1])	
Il-bastiment qiegħed fir-reġistru tal-bastimenti tal-SPRFMO?	Iva/Le	Huwa attwalment awtorizzat?	Iva/Le

([1]) Jekk l-awtorizzazzjoni hija għat-trażbord, allura daħħal "trażbord" bħala l-irkaptu.

4. Speċifiċjet ġestiti mill-SPRFMO skarikati (matul din il-waqfa fil-port)

Speċifiċjet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata skarikata (kg)	Kwantità skarikata (kg)

5. Speċifiċjet ġestiti mill-SPRFMO miżmuma abbord

Speċifiċjet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata miżmuma abbord (kg)	Kwantità miżmuma abbord (kg)

6. Speċifiċjet ġestiti mill-SPRFMO li waslu mit-trażbord (matul din il-waqfa fil-port)

Speċifiċjet	Żona tal-qbid tal-FAO	Stat tal-prodott	Kwantità ddikjarata li waslet (kg)	Kwantità li waslet (kg)

▼**M1**

7. Eżamijiet u sejbiet

Taqsima	Kummenti
Eżami tal-ġurnali ta’ abbord u ta’ dokumentazzjoni oħra	
Konformità mal-iskema/i ta’ dokumentazzjoni tal-qbid applikabbli	
Konformità mal-iskema/i ta’ informazzjoni dwar il-kummerċ applikabbli	
Tip ta’ rkaptu abbord	
Sejbiet tal-ispetturi	
Ksur allegat (inkludi referenza għall-istrumenti legali rilevanti)	
Kummenti tal-kaptan tal-bastiment	
Azzjonijiet meħuda	
Firma tal-kaptan tal-bastiment	
Firma tal-ispettur	

▼B

ANNESS XIII

Lista ta' speċijiet oħrajn ta' interess

Isem Xjentifiku	Isem bl-Ingliż	Kodiċi alpha-3
Carcharhinus longimanus	Kelb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniku	OCS
Carcharodon carcharias	Kelb il-baħar abjad	WSH
Cetorhinus maximus	Gabdoll	BSK
Lamna nasus	Pixxiplamtu	POR
Manta spp.	Raji manta	MNT
Mobula spp.	Raja mobula	RMV
Rhincodon typus	Kelb il-baħar baliena	RHN